Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin tas-Sajf Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera, SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat huma (www.sustainability.gov.mt) u (humanresources.meee@gov.mt).

Il-25 ta' Awwissu, 2023

Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Summer Time) of Monday, 11th September, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Energy and Enterprise, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera, SVR 1302. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving department/division/directorate are (www.sustainability.gov.mt) and (humanresources.meee@gov.mt).

25th August, 2023

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Reġjonali u Lokali fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Din is-sejħa qed tieħu post is-sejha tal-Pożizzjoni ta' Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsilli Regjonali u Lokali fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,102 tat-18 ta' Awwissu, 2023. Applikanti li diġà applikaw fit-termini tal-imsemmija sejħa m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

1. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali (LGD) fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, tixtieq tidentifika persuni idonji li jistgħu jiġu rrakkomandati biex jokkupaw il-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fi kwalunkwe mill-kunsilli lokali/reġjonali (kunsilli) elenkati kif imniżżel hawn taħt.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Il-kandidati magħżula se jiġu rrakkomandati lil xi kunsill imniżżel hawn taħt, u jekk dawn jiġu magħżula minn xi kunsill, se jidħlu fi ftehim ta' tliet snin bħala 'Segretarju Eżekuttiv' mal-kunsill rispettiv. Tali ftehim jista' jiġi mġedded għal aktar perjodi.

Lista ta' kunsilli lokali u s-salarju rispettiv.

Kunsilli lokali	**Skala**
Il-Kunsill Lokali l-Gżira	5
Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa	6
Il-Kunsill Lokali San Ġiljan	5
Il-Kunsill Lokali Santa Venera	6
Il-Kunsill Lokali Raħal Ġdid	6
Il-Kunsill Lokali l-Kalkara	7
Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex	7
Il-Kunsill Lokali x-Xagħra	7
Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat	7
Il-Kunsill Lokali l-Għasri	7
Il-Kunsill Lokali l-Fontana	7
Kunsilli Reġjonali	**Skala**
Kunsill Reġjonali tal-Punent	7
Kunsill Reġjonali Nofsinhar	7

2.2 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hi suġġetta għal perjodu ta' prova (probation) ta' tnax-il (12) xahar.

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Position of Executive Secretary within the Local and Regional Councils in the Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

This call supersedes the call for the Position of Executive Secretary within the Local and Regional Councils, within the Local Government Division in the Ministry for the Heritage, the Arts and Local Government published in Government Gazette No. 21,102 on 18th August, 2023. Applicants who submitted an application in terms of the above-mentioned call need not re-apply.

1. The Local Government Division (LGD) within the Ministry for National Heritage, the Arts and Loca Government, wishes to identify suitable persons who could be recommended to fill the Position of Executive Secretary in any of the local/regional councils (councils) shown below.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 Selected candidates will be recommended to a council listed below, and if selected by a council, will sign a three year agreement as an Executive Secretary with the respective council. Such agreement may be renewed for further periods:

List of councils and the respective salary scale.

Local councils	**Salary Scale**
Gżira Local Council	5
Ħal Luqa Local Council	6
San Ġiljan Local Council	5
Santa Venera Local Council	6
Paola Local Council	6
Kalkara Local Council	7
Ta' Xbiex Local Council	7
Xagħra Local Council	7
Ta' Sannat Local Council	7
Għasri Local Council	7
Fontana Local Council	7
Regional Councils	**Salary Scale**
Western Regional Council	7
Southern Regional Council	7

2.2 The position of Executive Secretary is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija pożizzjoni b'Objective Reason skont Regolament 7 (4) (e) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.81 bit-titolu 'Kuntratti għal Żmien Fiss Suċċessivi'. Din il-pożizzjoni hija meqjusa bħala pożizzjoni ta' fiduċja li tikkonstitwixxi 'objective reason' skont l-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja.

2.4 Segretarju Eżekuttiv li jkollu esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata, se jkun intitolat li jirċievi status ta' Officer in Grade abbażi ta' 'notional basis', wara t-tmiem ta' erba' snin ta' servizz b'suċċess, addizzjonalment mal-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, u suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, kif indikat iktar 'l isfel.

2.5 Segretarju Eżekuttiv hu intitolat li jibbenefika u li jinħatar bħala Officer in Grade wara li jkun issodisfa l-kriterji fil-paragrafu 2.4 hawn fuq. L-istatus ta' Officer in Grade għandu jirrifletti l-iskala tas-salarju kif indikat fis-subparagrafu 2.6 jew 2.8 iktar 'l isfel kif hu applikabbli.

2.6 Tali uffiċjali se jitpoġġew fuq Skala ta' Salarju li tiġi waħda anqas mill-Iskala ta' Salarju attwali kif dettaljata fil-pożizzjoni tagħhom iżda fuq l-istess tarġa tas-salarju li attwalment qegħdin fiha.

2.7 Sakemm dawn id-dispożizzjonijiet jiġu osservati, dawk appuntati bħala Officer in Grade se jiġu, dejjem jekk mhux diġà qed jokkupaw pożizzjoni ekwivalenti jew ogħla, obbligati li jaqdu dmirijiet kif indikat mill-maniġment minn żmien għal żmien fil-livell ta' responsabbiltà rispettiva proporzjonata mal-Iskala ta' Salarju li jkunu marbuta magħha. Barra minn hekk, bħala Officers in Grade, dawn m'għandhomx aktar jibbenifikaw minn allowances li joħorġu mill-kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti għas-Segretarji Eżekuttivi, hekk kif ikun applikabbli minn żmien għal żmien, jekk ma jibqgħux jaqdu dmirijiet bħala Segretarji Eżekuttivi. F'dawn il-każijiet id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (LGD) għandha d-dritt tal-ewwel rifjut li tingaġġa s-servizzi ta' tali uffiċjali.

2.8 Mat-tmiem b'suċċess ta' perjodu addizzjonali ta' tliet (3) snin, addizzjonalment u aggregat ma' subparagrafu 2.1 iktar 'il fuq, kif ukoll suġġett għal livell ta' servizz sodisfaċenti, uffiċjali pubbliċi appuntati fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv ikunu eliġibbli li jiġu appuntati bħala Officer in Grade fl-istess skala bħal dik tal-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti.

2.9 Mal-ingaġġ, is-salarju bażiku tal-impjegat jiġi allinjat ma' dak ta' Segretarju Eżekuttiv f'dak il-kunsill rispettiv, skont id-dispożizzjonijiet legali tar-Regolamenti dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363, Liġijiet ta' Malta u leġiżlazzjoni sussidjarja relatata). L-istess prinċipji għandhom japplikaw fil-każ tal-grad sostantiv.

2.10 Segretarju Eżekuttiv huwa obbligat illi minn żmien għal żmien jattendi programmi ta' taħriġ hekk kif indikat lilu mil-LGD.

2.3 The position of Executive Secretary is a position by Objective Reason In terms of Regulation 7 (4) (e) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'. This being a position of a level of trust, which constitutes an objective reason in terms of the same Subsidiary Legislation.

2.4 An Executive Secretary who has proven relevant work experience, will on completion of four (4) years of successful service, in aggregate, as Executive Secretary, and subject to the consent of the Public Service Commission, be entitled to attain Officer in Grade status on a notional basis as indicated below.

2.5 An Executive Secretary shall benefit and be appointed as Officer in Grade after having satisfied paragraph 2.4 above. The Officer in Grade status should reflect the salary scale as indicated in sub paragraph 2.6 or 2.8 below as applicable.

2.6 Such officers shall be placed on a Salary Scale which is one scale lower than their current Salary Scale as detailed in their position however on the same salary step currently enjoyed.

2.7 Subject to adherence to these provisions, appointees as Officer in Grade shall, unless occupying an equivalent or higher position, be obliged to carry out duties as indicated by Management from time to time at the respective level of responsibility commensurate with the salary scale they are pegged to. Moreover, as Officers in Grade, they shall no longer benefit from any allowance/s that emanate from the working conditions established for Executive Secretaries as applicable from time to time, if no longer performing duties as Executive Secretaries. In such cases the LGD has the right of first refusal to engage the services of the officer.

2.8 On completion of a further three (3) years in aggregate to and in addition to sub paragraph 2.1 above, and subject to satisfactory service, public officers appointed as Executive Secretaries shall be eligible to be appointed as Officer in Grade in the same salary scale as that of the Position as Executive Secretary, subject to the provisions of the preceding paragraph.

2.9 On appointment, the employees' basic salary should be aligned with the position of Executive Secretary for the respective local council in line with the legal provisions of the Local Government legislation (CAP. 363, Laws of Malta and relative subsidiary legislation). The same principles shall apply for the substantive grade.

2.10 The Executive Secretary is obliged to attend training programmes as indicated by the LGD from time to time.

2.11 Terminazzjoni mill-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija fir-responsabbiltà tal-kunsill.

2.12 Tneħħija minn uffiċjal pubbliku ssir skont ir-Regolament dwar Dixxiplina fis-Servizz Pubbliku.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

Ir-remunerazzjoni li ġejja hi bbażata fuq l-Iskali ta' Salarju tas-Servizz Pubbliku, u skont ir-Regolament 4(2) tar-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.20) għandha titħallas lis-Segretarji Eżekuttivi fil-kunsilli lokali.

3.1 Fejn id-daqs tal-kunsill huwa:

i. 9 sa 13-il membru, mhux aktar mill-massimu ta' Skala 5;

ii. 7 membri, mhux aktar mill-massimu ta' Skala 6;

iii. 5 membri u Segretarji Eżekuttivi tal-kunsilli reġjonali, mhux aktar mill-massimu ta' Skala 7.

3.2 Persuni impjegati bħala Segretarji Eżekuttivi għall-ewwel darba, jitħallsu bit-tieni livell taħt il-massimu tal-iskala rispettiva. Is-Segretarji Eżekuttivi li jkollhom il-kuntratt tagħhom imġedded mill-istess kunsill, ma jkunux suġġetti għall-ebda żmien ta' prova.

3.3 Segretarju Eżekuttiv li l-kuntratt tiegħu mal-Kunsill jiġi tterminat u jidħol f'kuntratt ġdid ma' kunsill differenti, għandu jkun suġġett għal perjodu ta' prova ta' sena u għandu jitħallas il-massimu tas-Skala ta' Salarju relattiva.

3.4 Segretarju Eżekuttiv huwa intitolat ukoll għal benefiċċji kif elenkat:

i. Performance Bonus sa massimu ta' 15% skont il-policy u l-proċeduri fis-seħħ minn żmien għal żmien u suġġett ukoll għal prestazzjoni sodisfaċenti (sa 10% determinat mill-Kunsill u sa 5% ieħor determinat mil-LGD);

ii. Disturbance Allowance ta' €1,500 fis-sena għal Skala ta' Salarju 5, u €1,000 fis-sena għal Skali ta' Salarju 6 u 7;

iii. All-inclusive Communication Allowance ta' €815 fis-sena;

iv. All-inclusive Transport Allowance ta' €1,000 fis-sena.

3.5 Fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi/impjegati tas-Settur Pubbliku, dawn huma intitolati li:

2.11 Termination from the position of Executive Secretary in a Council shall be within the authority of the respective council.

2.12 Removal as public officer shall be made in terms of the Public Service Disciplinary Regulations.

Salary Pegged to the Position

The following remuneration based on the salary scales of the Public Service, and according to Regulation 4(2) of the Local Councils (Human Resources) Regulations (Subsidiary Legislation 363.20), shall be payable to Executive Secretaries in local councils.

3.1 Where the council size is:

i. 9 to 13 members, not more than the maximum of Scale 5;

ii. 7 members, not more than the maximum of Scale 6;

iii. 5 members and regional councils Executive Secretaries, not more than the maximum of Scale 7.

3.2 Persons employed as Executive Secretaries for the first time shall be placed on the second notch below the maximum of the respective scale. The Executive Secretary whose contract is renewed by the same council shall not be subject to any other probation.

3.3 An Executive Secretary whose contract with the council is terminated and enters into a new contract with a different council, shall be subject to a probation for a period of one year and shall be paid the maximum of the relative salary scale.

3.4 An Executive Secretary is also entitled to the following benefits:

i. A Performance Bonus of up to a maximum of 15% in line with policy and procedures as in force from time to time and subject to satisfactory performance (up to 10% determined by the Council and up to a further 5% determined by the LGD);

ii. Disturbance Allowance of €1,500 per annum for Salary Scale 5, and €1,000 per annum for Salary Scale 6 and 7;

iii. All inclusive Communication Allowance of €815 per annum;

iv. All inclusive Transport Allowance of €1,000 per annum.

3.5 In the case of public officers/Public Sector employees, they are entitled to:

i. Iżommu d-drittijiet kollha li jgawdu fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku matul il-perjodu tal-ingaġġ mal-kunsilli lokali/reġjonali;

ii. Iżommu s-substantative grade/indefinite status tagħhom mas-Servizz Pubbliku ta' Malta jew entità tas-Settur Pubbliku li kienu impjegati magħha;

iii. Ikollhom il-perjodu tal-ħatra tagħhom bħala Segretarju Eżekuttiv meqjus bħala 'Service in the Grade' għall-fini tal-komputazzjoni tat-tul tas-servizz, anzjanità, salarju, progressjoni u, fejn applikabbli, għal skopijiet tal-pensjoni tat-Teżor.

3.6 Kandidati li huma diġà uffiċjali pubbliċi, jiġifieri dawk li għandhom ħatra eżistenti f'kariga/pożizzjoni skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, jistgħu japplikaw biss għal postijiet vakanti għal pożizzjonijiet f'kunsill fejn il-pożizzjoni tkun tal-istess Skala ta' Salarju jew ogħla mill-ħatra eżistenti tagħhom.

Dmirijiet

4.1 Il-Deskrizzjoni tal-Impjieg għall-Post ta' Segretarju Eżekuttiv tinkludi:

Is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-kunsill.

a) Joħroġ l-avviżi kollha, jipprepara l-aġenda b'konsultazzjoni mas-sindku u jattendi l-laqgħat kollha;

b) Jiddraftja u jiffirma l-minuti tal-laqgħat tal-kunsill jew kumitat;

c) Jagħmel rapport amministrattiv dettaljat ta' kull sena lis-sindku li min-naħa tiegħu iqiegħdu għall-approvazzjoni tal-kunsill;

d) Ilesti biex jitqiegħed quddiem il-kunsill estimi tad-dħul u ħruġ u pjan ta' ħidma tal-kunsill matul is-sena finanzjarja li tkun ġejja;

e) Jagħmel kull dover amministrattiv ieħor kif ikun hemm bżonn, sakemm dawn l-istruzzjonijiet jaqgħu fil-parametri kif preskritt bil-Liġi u r-Regolamenti, skont il-policies deċiżi u delegati mill-kunsill;

f) Joħroġ kull ordni li tkun teħtieġ nefqa kif approvata mill-kunsill;

g) Itella' l-aġenda, il-minuti u l-iskedi ta' pagamenti fuq is-sit elettroniku tal-kunsill, kif mitlub bil-liġi;

h) Jimxi strettament mal-memos, ċirkularijiet u direttivi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, u jidderieġi lill-Kunsill skont il-każ;

i. retain all inherent rights enjoyed in the Public Service/ Public Sector during the engagement period with the local / regional councils;

ii. retain their substantive grade/indefinite status with the Malta Public Service or Public Sector entity;

iii. have their period of appointment as Executive Secretary deemed as 'Service in the Grade' for the purpose of computation of length of service, seniority, salary, progression and, where applicable, for Treasury pension purposes.

3.6 Candidates who are public officers, i.e. those who hold an appointment in a post/position in terms of Article 110 of the Constitution, may only apply for vacancies for positions in a council where the position is the same salary scale or higher than their current appointment.

Duties

4. The job duties for the position of Executive Secretary include:

The Executive Secretary is the executive, administrative and financial head of the local council.

a) Issue all notices, prepare the agenda in consultation with the mayor and attend all meetings;

b) Draw up and sign the minutes of council or committee meetings;

c) Submit a detailed annual administrative report to the mayor who shall submit it to the council for its approval;

d) Prepare for submission to the council estimates of the income and expenditure and five year business plan of the Council for the next financial year;

e) Carry out any other administrative duties as deemed necessary, subject that such instructions fall within the parameters as prescribed by Law and Regulations, in accordance with policies decided and delegated by the council;

f) Issue all orders bearing an expense as approved by the council;

g) Upload agenda, minutes and schedule of payments on the local councils' website as prescribed by law;

h) Strictly adhere to all memos, circulars and directives issued by the Local Government Division and direct the Local Council accordingly;

i) Jirrapporta lid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) u jagħti r-rapporti kollha u kull dokumentazzjoni oħra kif mitlub, u jaderixxi ma' kull direttiva oħra maħruġa;

j) Kull dmir ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Segretarju Permanenti u s-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji jinkisbu mill-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), Liġijiet ta' Malta.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l- Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-

i) Report to the Director General (Local Government) and submit all reports and any other documentation as required, and adhere to any other directive issued by the Division;

j) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by Director General (Local Government), Permanent Secretary, and the Principal Permanent Secretary.

Further details, can be obtained from the Local Councils Act (Cap. 363), Laws of Malta.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta

Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. proficjenti u kapaċi li jikkomunikaw b'mod effettiv kemm b'mod orali kif ukoll bil-miktub bil-lingwa Maltija, kif ukoll bil-lingwa Ingliża.

U

iii a. ikollhom Master degree rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'suġġetti oħrajn relatati.

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent bħala Master mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

b. ikollhom Baċellerat rikonoxxut f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relatati oħrajn b'sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġetta għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

c. ikollhom Diploma rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relatati b'ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifiki rikonoxxuti komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

d. ikollhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew

Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. Proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

AND

iii a. In possession of a recognised Master degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MFHEA formal Master recognition statement being submitted with the application.

OR

b. In possession of a recognised Bachelor degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas with two (2) years relevant work experience.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

OR

c. In possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, o equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas with (5) years relevant work experience.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

OR

d. In possession of a recognised qualification MQF level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Business Administration and/or

Management jew f'oqsma tas-suġġetti relatati b'seba' (7) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifiki rikonoxxuti komparabbli ma' 120 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

e. Uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju minn 5 sa 7 (iż-żewġ Skali inklużi) u impjegati tas-Settur Pubbliku f'livell ta' responsabbiltà komparabbli, u li huma kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom.

JEW

f. Uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju 8 sa 11 (iż-żewġ Skali inklużi) u impjegati tas-Settur Pubbliku f'livell ta' responsabbiltà komparabbli, u li huma kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, bi tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

JEW

g. Dawk il-persuni li bħalissa qegħdin iservu ta' 'Aġent' jew 'Deputat Segretarju Eżekuttiv' f'kunsill lokali jew reġjonali sad-data tal-ħruġ ta' din is-sejħa.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikatat f'paragrafi 5.1 jew kif indikat f'paragrafu 5.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata fi klawsoli 5.1 u 5.2.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla

Management or in related subject areas with seven (7) years work experience.

*A recognised qualification comparable to 120 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

OR

e. Public officers in Salary Scales 5 to 7 (both Scales included) and Public Sector employees at a comparable level of responsibility, who are confirmed in their current appointment.

OR

f. Public officers in Salary Scales 8-11 (both Scales included) and Public Sector employees at a comparable level of responsibility, who are confirmed in their current appointment, with three (3) years relevant work experience.

OR

g. Those persons currently being an Acting or Deputy Executive Secretary in a local or regional council on the date of this call.

iv. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 5.1 or else as indicated in paragraph 5.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 5.1 or 5.2.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than

minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu żewġ referenzi aċċettabbli bil-miktub.

6.3. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Applications shall include two acceptable written references.

6.3 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tindika liema kunsill lokali/reġjonali fejn teżisti vakanza għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.

7.2 Għandha tingħata wkoll informazzjoni lill-kandidati li, peress li jkunu ġew indikati mill-bord tal-għażla bħala adatti għall-pożizzjoni, skont l-istadju tal-intervista, ma jwasslux awtomatikament għal ħatra għall-pożizzjoni. Il-ħatra għandha tkun suġġetta għall-aċċettazzjoni minn qabel mill-kunsill lokali/reġjonali rispettiv.

7.3 L-applikanti jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni sa massimu ta' tliet lokalitajiet għal kull sejħa għal applikazzjoni, filwaqt li jindikaw il-preferenza tagħhom.

7.4 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija pożizzjoni suġġetta għal Objective Reason.

7.5 Kandidati li huma uffiċjali pubbliċi, jiġifieri li għandhom ħatra f'kariga/pożizzjoni skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, jistgħu japplikaw biss għal postijiet vakanti għal pożizzjonijiet f'kunsill lokali/reġjonali fejn il-pożizzjoni tkun fl-istess skala ta' salarju jew ogħla mill-ħatra attwali tagħhom.

7.6 Il-bord tal-għażla għandu jkun kostitwit kif ġej:

i. Chairman, li jkun uffiċjal pubbliku minn ġewwa d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, nominat mis-Segretarju Permanenti rispettiv, u

ii. Żewġ membri mill-Bord Permanenti tal-Għażla tal-Ministeru responsabbli mill-Gvern Lokali.

7.7 L-applikazzjonijiet riċevuti jiġu l-ewwel evalwati mill-bord tal-għażla skont il-kriterji tal-eliġibbiltà, f'termini tas- sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.8 L-applikanti ineliġibbli jiġu infurmati mill-bord tal-għażla kif xieraq u bid-dritt tagħhom li jissottomettu rappreżentazzjonijiet quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn tali notifika.

7.9 Il-kandidati eliġibbli jiġu assessjati u intervistati mill-bord tal-għażla skont kriterji tal-għażla u sottokriterji approvati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.10 Ir-riżultat tal-proċess għandu jindika jekk il-kandidati humiex adekwati, jew mod ieħor, għall-pożizzjoni.

7.11 Ir-riżultat jiġi sottomess lis-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Gvern Lokali għall-approvazzjoni, u wara dan il-kandidati eliġibbli jiġu infurmati jekk instabux adekwati jew mod ieħor.

Selection Procedures

7.1 The call for applications shall indicate the local/regional councils where a vacancy for the post of Executive Secretary exists.

93	Renewal of Cloud Access Subscription and Support Plan for the Ultrasound Scan Trainer Simulator at the Department of Radiography	28/02/2023	MedaPhor Ltd	10,005.00
94	3 year preventive maintenance agreement for HVAC Installation System	08/02/2023	Central Power Installations Ltd	18,177.00
95	Procurement of Life Mode Scanning Electron Microscope	09/03/2023	Media Systems Srl	75,000.00
96	Upgrade of the Building Management Solution system at the IT Services	09/03/2023	Mekanika Limited	16,439.83
97	Procurement of Flourescence Microscope (EVOS 500)	28/03/2023	EJ Busuttil Ltd	18,125.00
98	3 day chartering of vessel for seafloor surveys icw the SWAN Project	27/03/2023	RPM Nautical Foundation	15,000.00
99	Procurement of ComoNEO system for the VacuUM project	28/03/2023	Kistler Italia Srl	14,092.18
100	Negotiated Procedure for Connectivity to remote sites	13/04/2023	GO plc	144,288.00
101	Provision of Security Services on the Campuses of the UM, JC and other UM designated sites	28/03/2023	Executive Security Services Ltd	240,202.81
102	Procurement of specific testing services	24/04/2023	Macrogen Europe BV	36,720.00
103	Provision of whole genome sequencing of 90 samples	02/05/2023	Macrogen Europe BV	61,200.00
104	Renewing of Subscription Licences for AutoCAD LT for the period 20.7.23-19.7.26	29/05/2023	Advanced Software Solutions	14,724.60
105	Procurement of Pulsed Electric Field (PEF) System for Transit and EXCEL4MED Project	29/05/2023	Energy Pulse Systems	38,000.00
106	Provision of European Normative (EN) Certification testing uder the SANITAS project	29/05/2023	Quality Assurance and Control Systems	14,220.00
107	Renewal Subsciption of UniDesk Service Desk Software	06/05/2023	Hefestis Ltd	£10,475.00
108	Renewal of Licences for Ansys Granta Edu Pack Software	06/06/2023	ANSYS Fluid Codes OOD	23,050.00
109	Procurement of an Inverter and its Software Licence	06/06/2023	Cissoid S.A.	$12,000.00
110	Renewal of Europratice subscription software licence maintenance fee	13/06/2023	Rutherford Appleton Laboratory	10,385.00
111	Provision of Consultancy Services for the design of a group source heat pump at UM Sustainable Living Complex	15/06/2023	Messrs Camilleri & Cuschieri	33,815.00

Nru. *No.*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT f'€ *Contract Value Excl. VAT in €*
112	Provision of Security Services on the Campuses of the UM, JC and other UM designated sites	28/06/2023	Executive Security Services Ltd	80,316.00
113	Insurance cover for students under the Flourish project	20/06/2023	Marsh S A	13,797.00

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf illi vettura li kienet ipparkjata għal diversi xhur fi Triq tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ, tat-tip Volvo bin-numru ta' reġistrazzjoni DK 157 XT, bil-liċenzja skaduta, ġiet ittowjata fit-18 ta' Awwissu, 2023, u meħuda għand Ta' Robba Recycling Plant Kirkop, wara tmient ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-avviż legali ta' Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-ikkampjar u t-tneħħija ta' oġġetti ta' ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fi żmien stipulat mil-liġi, din se tiġi skreppjata.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that a vehicle which was parked for a long period in Triq tal-Ħlas, vehicle model Volvo with number plates DK 157 XT with an expired licence, was towed on the 18th August, 2023, and taken to Ta' Robba Recycling Plant Kirkop after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 and Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this vehicle will be scrapped.

25th August, 2023

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf li nhar l-Erbgħa, 30 ta' Awwissu, 2023, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, se jkun hemm attività fi Pjazza Vittorja. Triq Santa Luċija se tkun magħluqa għat-traffiku, u b'hekk se jkunu meqjusa bħala żona ta' rmonk.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Naxxar Local Council notifies that on Wednesday, 30th August, 2023, from 4.00 p.m. till midnight, an activity will be held at Pjazza Vittorja. Triq Santa Luċija will be closed for traffic and will be considered as a towing zone.

25th August, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf li ma jistax isir parkeġġ:

Mit-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2023 sal-Ħadd, 10 ta' Settembru, 2023, fi Triq il-Kbira mill-knisja sa La Bottega u Triq il-Kolleġġjata, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, il-ġranet kollha;

Nhar it-Tlieta, 12 ta' Settembru, 2023, f'Misraħ il-Kittieba, mis-7.00 a.m. 'il quddiem;

Mill-Ħamis, 14 ta' Settembru, 2023 sal-Ħadd, 17 ta' Settembru, 2023, fi Pjazza tal-Granmastru, Pjazza Narbona u Triq Dun Ġino Mangion, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, il-ġranet kollha;

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

The Ħal Qormi Local Council notifies that on the below dates no parking is allowed:

From Monday, 4th September, 2023 till Sunday, 10th September, 2023, in Triq il-Kbira from St George's church till La Bottega and Triq il-Kolleġġjata from 7.00 a.m. onwards, all days;

On Tuesday, 12th September, 2023, in Misraħ il-Kittieba, from 7.00 a.m. onwards;

From Thursday, 14th September, 2023 till Sunday, 17th September, 2023, in Pjazza tal-Granmastru, Pjazza Narbona and Triq Dun Ġino Mangion, from 7.00 a.m. onwards, all days;

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att tal-2001 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ u tal-Liġi Sussidjarja 441.04, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi javża li nhar is-Sibt, 16 ta' Settembru, 2023, ma jistax isir armar fis-suq fil-beraħ ta' Ħal Qormi fi Pjazza tal-Granmastru u Pjazza Narbona (in-naħa tal-iskola).

Transport pubbliku se jkun iddevjat skont l-istruzzjonijiet tal-uffiċjali tat-traffiku.

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li nhar is-Sibt, 2 ta' Settembru, 2023, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m., se jkun hemm attività fil-Pjazza ta' San Pawl, għalhekk Triq Santa Rita, Triq il-Kbira u Triq il-Kulleġġ se jkunu magħluqa għat-traffiku. Vetturi pparkjati se jiġu rmunkati.

Uffiċjali tal-LESA se jkunu fuq il-post sabiex jiddevjaw it-traffiku.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Espressjoni ta' Interess għall-Armar u ż-Żarmar ta' Posti għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023

Data tal-Għeluq: Il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023, f'nofsinhar CEST

Dan id-dokument jista' jitniżżel minn (www.ktieb.org.mt)

1. Informazzjoni dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa assoċjazzjoni pubblika ta' pubblikaturi u awturi li jieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta billi joffri servizzi importanti, u fl-istess ħin jinkoraġixxi l-qari u jippromovi l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom differenti tagħha. Il-KNK jirrappreżenta lill-pubblikaturi u l-awturi fi spazji u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex imexxi 'l quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba. Fost l-oħrajn, jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u avvenimenti oħra iżgħar, jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR), huwa l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN, u jtella' konkorsi letterarji diversi matul is-sena.

In exercise of the powers conferred by the Trading Licences Act of 2001 and by the Subsidiary Legislation 441.04, the Ħal Qormi Local Council notifies that on Saturday, 16th September, 2023, hawkers are not allowed to place stalls in the Ħal Qormi open-air market at Pjazza tal-Granmastru and Pjazza Narbona (school area).

Public transport will be diverted as instructed by traffic officials.

Parked cars will be towed.

25th August, 2023

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Rabat Local Council notifies that on Saturday, 2nd September, 2023, from 5.00 p.m. till 11.00 p.m., there will be no access to St Paul's Square, therefore Triq Santa Rita, Triq il-Kbira, and Triq il-Kulleġġ shall be closed for traffic. Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

LESA officers shall be on site to divert traffic flow.

25th August, 2023

NATIONAL BOOK COUNCIL

Expression of Interest for the Setting-up and Dismantling of Stands for the Malta Book Festival 2023

Closing Date: Friday, 1st September, 2023, at noon CEST

This document is downloadable from (www.ktieb.org.mt).

1. Background information on the National Book Council

The National Book Council is a public association of publishers and writers that caters for the Maltese book industry with several important services whilst striving to encourage reading and promote the book as a medium of communication in all its formats. It represents writers and publishers in public fora and institutions in order to promote the interests of the book industry's stakeholders, organises the Malta Book Festival and the National Book Prize amongst other national as well as smaller scale events, administers Public Lending Rights, organises several literary contests and is also the local agent for ISBN and ISMN.

Il-mentalità kulturali u l-approċċ multimedjali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jippermettulu li jaħdem ma' msieħba differenti biex jilħaq l-għanijiet tiegħu. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika.

Il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 327.580 li tistabbilixxi lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb tista' tiżżilha minn (https://legislation.mt/eli/sl/605.12/eng).

2. Skop, Servizz u Tul

2.1 L-iskop ta' din l-EOI hija li tfittex is-servizzi ta' kumpanija kuntrattwali għall-armar u ż-żarmar ta' posti għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023. Il-kumpanija kuntrattwali għandu jkollha fil-pussess tagħha l-materjal kollu neċessarju u meħtieġ, kif ukoll preferibbilment fl-armar u ż-żarmar ta' posti f'avvenimenti oħra maġġuri marbuta mal-kotba.

2.2 Il-post fejn il-kumpanija magħżula għandha tagħti s-servizz tagħha huwa ċ-Ċentru għall-Fieri u Konvenzjonijiet, l-MFCC, f'Ta' Qali.

2.3 Il-perjodu meħtieġ għall-armar u ż-żarmar tal-posti huwa bejn l-10 ta' Ottubru u l-24 ta' Ottubru, 2023, kif ġej:

10-16 ta' Ottubru – armar;
17-22 ta' Ottubru – avveniment (it-Tlieta 17 hija ċ-ċerimonja tal-ftuħ);

Iż-żarmar irid jibda l-Ħadd filgħaxija wara li jagħlaq il-Festival fit-8.00 p.m., sal-24 ta'Ottubru.

2.4 L-ebda kompitu ġdid ma għandu jingħata wara li jiġi fi tmiemu s-servizz.

3. Termini ta' Referenza

3.1 L-inkarigi jridu jitwettqu skont it-Termini ta' Referenza ta' dan id-dokument ta' Espressoni ta' Interess.

3.2 Responsabbiltajiet:

3.2.1 Ir-rwol tal-kumpanija kuntrattwali huwa li tarma u żżarma erbgħa u erbgħin (44) posta tal-esibituri b'ammont totali ta' madwar elf sitt mija u wieħed u erbgħin metru kwadru (1641 sq.m.).

3.3 Kwotazzjonijiet:

3.3.1 Kwotazzjoni bi prezz għal kull metru kwadru hija meħtieġa għal posti b'dawn l-ispeċifikazzjonijiet kif ġejjin (ammont totali ta' metri kwadri: 1360):

The National Book Council's markedly cultural mindset and multimedia approach enables it to work with different partners to achieve its goals. As an entity, it falls under the remit of the Ministry of Education, Sport, Youth, Research and Innovation and has always been considered as part and parcel of the public educational infrastructure.

Subsidiary Legislation 327.580 establishing the National Book Council can be found (https://legislation.mt/eli/sl/605.12/eng).

2. Scope, Service and Duration

2.1 The scope of this EOI is to seek the services of a contracting company for the setting up and dismantling of stands for the Malta Book Festival 2023. The Contracting Company has to be in possession of all necessary required material, and preferably has experience in setting-up and dismantling of stands in previous major book events.

2.2 The place of acceptance of the services shall be the Malta Fairs and Conventions Centre, Ta' Qali.

2.3 The period for the setting-up and dismantling of stands will be between 10th October and 24th October, 2023, as follows:

10th-16th October – setting up;
17th-22nd October – event (Tuesday 17th is opening night only);

Dismantling to start on Sunday evening after closing at 8.00 p.m., until 24th October.

2.4 No new tasks shall be allocated after the duration of service.

3. Terms of Reference

3.1 The assignments must be carried out according to the Terms of Reference of this EOI document.

3.2 Responsibilities:

3.2.1 The role of the contracting company is to set-up and dismantle forty-four (44) exhibitor stands with a total number of approximately one thousand six hundred and forty-one square meters (1641 sq.m.).

3.3 Quotations:

3.3.1 A quotation per square metre is required for stands with the following specifications (approximate total square metres: 1360):

23x Posta Kategorija A – 6m x 4m footprint

Il-pakkett għal Posta ta' Kategorija A jinkludi dawn l-oġġetti biss:

Sa tmienja u għoxrin metru ta' xkaffar li jaġġusta ruħu skont il-bżonnijiet tal-klijent
Counter wieħed għall-cashpoint bi spazju li jissakkar (D: 100cm, W: 50cm) u 2 banketti
Display counter wieħed (D: 100cm, W: 100cm)
Tliet siġġijiet li jingħalqu
Faxxa bl-isem u l-logo tal-kumpanija
Sokit wieħed 4-in-line ta' 13 amp
Tlett idwal ta' 30 watt LED
Tapitjar

3x Posta Kategorija B – 9m x 4m footprint

Il-pakkett għal Posta ta' Kategorija B jinkludi dawn l-oġġetti biss:

Sa erbgħa u erbgħin metru ta' xkaffar li jaġġusta ruħu skont il-bżonnijiet tal-klijent
Counter wieħed għall-cashpoint bi spazju li jissakkar (D: 100cm, W: 50cm) u 2 banketti
Żewġ display counters (D: 100cm, W: 100cm)
Erba' siġġijiet li jingħalqu
Faxxa bl-isem u l-logo tal-kumpanija
Żewġ sokits 4-in-line ta' 13 amp
Erbat idwal ta' 30 watt LED
Tapitjar

7x Posta Kategorija Ċ – 12m x 4m footprint

Il-pakkett għal Posta ta' Kategorija Ċ jinkludi dawn l-oġġetti biss:

Sa sitta u ħamsin metru ta' xkaffar li jaġġusta ruħu skont il-bżonnijiet tal-klijent
Counter wieħed għall-cashpoint bi spazju li jissakkar (D: 100cm, W: 50cm) u 2 banketti
Tliet display counters (D: 100cm, W: 100cm)
Ħames siġġijiet li jingħalqu
Faxxa bl-isem u l-logo tal-kumpanija
Tliet sokits 4-in-line ta' 13 amp
Ħamest idwal ta' 30 watt LED
Tapitjar

2x Posta Kategorija D – 15m x 4m footprint

Il-pakkett għal Posta ta' Kategorija D jinkludi dawn l-oġġetti biss:

Sa sitta u ħamsin metru ta' xkaffar li jaġġusta ruħu skont il-bżonnijiet tal-klijent

23x Stand Category A – 6m x 4m footprint

The Stand Category A package includes the following items only:

Up to twenty-eight metres of shelving adjustable to client's requirements
One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
One display counter (D: 100cm, W: 100cm)
Three foldable chairs
Fascia with company name and logo
One 4-in-line 13 amp socket
Three 30 watt LED Light
Carpeting

3x Stand Category B – 9m x 4m footprint

The Stand Category B package includes the following items only:

Up to forty-four metres of shelving adjustable to client's requirements
One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
Two display counters (D: 100cm, W: 100cm)
Four foldable chairs
Fascia with company name and logo
Two 4-in-line 13 amp socket
Four 30 watt LED Lights
Carpeting

7x Stand Category C – 12m x 4m footprint

The Stand Category C package includes the following items only:

Up to fifty-six metres of shelving adjustable to client's requirements
One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
Three display counters (D: 100cm, W: 100cm)
Five foldable chairs
Fascia with company name and logo
Three 4-in-line 13 amp socket
Five 30 watt LED Lights
Carpeting

2x Stand Category D – 15m x 4m footprint

The Stand Category D package includes the following items only:

Up to fifty-six metres of shelving adjustable to client's requirements

Counter wieħed għall-cashpoint bi spazju li jissakkar (D: 100cm, W: 50cm) u 2 banketti
Erba' display counters (D: 100cm, W: 100cm)
Ħames siġġijiet li jingħalqu
Faxxa bl-isem u l-logo tal-kumpanija
Tliet sokits 4-in-line ta' 13 amp
Sitt idwal ta' 30 watt LED
Tapitjar

3.3.2 Kwotazzjoni bi prezz għal kull metru kwadru hija meħtieġa għal posti b'dawn l-ispeċifikazzjonijiet kif ġejjin (ammont totali ta' metri kwadri: 281)

3x Posta Kategorija E – Custom stands – total footprint 272 sqm

Il-pakkett għal Posta ta' Kategorija E huwa pakkett li jista' jiġi mfassal u ppjanat skont il-bżonnijiet speċifiċi ta' esibitur.

Custom Stands jagħmlu użu mill-għamara u xkaffar tagħhom stess skont kif ordnat jew akkwistat mill-esibitur. Bħala parti minn dan il-pakkett, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jipprovdi biss dawn l-oġġetti standard:

Tliet sokits 4-in-line ta' 13 amp
Tletin dawl ta' 30 watt LED Lights (skont id-daqs tal-posta)
Wall panelling
Tapitjar
Faxxa

5x Posta Kategorija F – 1.5m x 2m (awturi awtoppubblikati)

Il-pakkett għal Posta ta' Kategorija F jinkludi biss l-użu ta' spazju wieħed ta' posta għal awturi awtoppubblikati bla xkaffar, counter wieħed żgħir u customisable print ta' 90ċm b'100ċm.

1 x Custom Stand – 24m x 11m footprint

Il-posta tinkludi dan li ġej biss:

Mija u tletin metru ta' xkaffar li jaġġusta ruħu skont il-bżonnijiet tal-klijent
Cashpoint counter wieħed bi spazju li jissakkar (D: 100cm, W: 50cm) u 2 banketti
Erba' Display Counters (D: 100cm, W: 100cm)
Ħames siġġijiet li jingħalqu
Faxxa bl-isem u l-logo tal-kumpanija
Tliet sokits 4-in-line ta' 13 amp
Sitt idwal ta' 30 watt LED
Tapitjar

One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
Four display counters (D: 100cm, W: 100cm)
Five foldable chairs
Fascia with company name and logo
Three 4-in-line 13 amp socket
Six 30 watt LED Lights
Carpeting

3.3.2 A quotation per square metre is required for stands with the following specifications (approximate total square metres: 281)

3x Stand Category E – Custom stands – total footprint 272 sqm

The Stand Category E package is a package that may be tailored and customised according to an exhibitor's specific needs.

Custom Stands make use of own furniture and shelving as may be procured or ordered by the exhibitor. Under this package, the National Book Council provides the following standard items only:

Three 4-in-line 13 amp sockets
30 watt LED Lights (According to stand size)

Wall panelling
Carpeting
Fascia

5x Stand Category F – 1.5m x 2m (self-published authors)

The Stand Category F package only includes the use of one stand space for self-published authors only with no shelves, one small counter and a 90cm x 100cm customisable print.

1 x Custom Stand – 24m x 11m footprint

The Stand includes the following only:

130 metres of shelving adjustable to client's requirements

One cashpoint counter with lockable space (D: 100cm, W: 50cm) and 2 stools
Four Display Counters (D: 100cm, W: 100cm)
Five foldable chairs
Fascia with company name and logo
Three 4-in-line 13 amp socket
Six 30 watt LED Lights
Carpeting

4. Sottomissjonijiet ta' interess

Sottomissjonijiet għandhom isegwu dawn il-linji gwida:

4.1 Kumpaniji kuntrattwali interessanti u li huma eliġibbli japplikaw għandhom jindikaw dan l-interess billi jibagħtu ittra elettronika lil (nationalbookcouncil@gov.mt0, u jehmżu kwotazzjoni dettaljata u l-portafoll tagħhom sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023, u fl-ittra jindikaw is-suġġett u r-referenza tal-EOI (Setting Up and Dismantling of Stands at the Malta Book Festival 2023 – EOI 1/2023).

4.2 Applikazzjonijiet li jitwasslu b'mezzi oħra mhux se jkunu kkunsidrati.

4.3 Sottomissjonijiet li jaslu wara l-ħin u d-data tal-għeluq ta' din l-EOI mhux se jkunu kkunsidrati.

4.4 L-ebda responsabbiltà ma tista' tiġi attribwita lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'każ ta' rifjut ta' sottomissjonijiet tardivi jew sottomissjoni tardiva ta' xi dokumenti nieqsa.

4.5 Is-sottomissjonijiet kollha jirċievu notifika ta' ringrazzjament u jiġu ttrattati b'kunfidenzjalità.

5. Kjarifiki

5.1 Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jagħmel mill-aħjar sabiex jikkjarifika xi mistoqsijiet fl-iqsar żmien possibbli. Dawk il-kumpaniji interessat u li jixtiequ jissottomettu xi kjarifika għandhom jagħmlu dan billi jibagħtu ittra elettronika lil (nationalbookcouncil@gov.mt).

6. Skeda

Avveniment	Data
EOI Data tal-Ħruġ	25 ta' Awwissu, 2023
Data ta' għeluq għas-sottomissjoni	1 ta' Settembru, 2023
Għoti tas-sottomissjoni rebbieħa	4 ta' Settembru, 2023
Iffirmar ta' kuntratt	6 ta' Settembru, 2023

7. Għażla u Rekwiżiti

7.1 Sabiex ikunu eliġibbli għal din l-Espressjoni ta' Interess, kumpaniji kuntrattwali interessati għandhom jipprovdu evidenza li jissodisfaw jew jaqbżu l-kriterji deskritti hawn fuq.

7.1.1 Il-kumpaniji kuntrattwali interessati għandhom jipprovdu ċerfikazzjonijiet validi.

4. Submission of Interest

Submissions should follow the below guidelines:

4.1 Interested contracting companies which are eligible to apply are to indicate their interest by sending an email to (nationalbookcouncil@gov.mt), attaching a detailed quote and their portfolio, by not later than noon on Friday, 1st September, 2023, indicating the subject and reference of the EOI (Setting Up and Dismantling of Stands at the Malta Book Festival 2023 – EOI 1/2023).

4.2 Interest submitted by other means will not be considered.

4.3 Submissions received after the closing time and date of this EOI will not be considered.

4.4 No liability will be accepted for rejection of late submissions or late submission of any missing documents.

4.5 All submissions will be acknowledged and treated in strictest confidence.

5. Clarifications

5.1 The National Book Council will try its best endeavors to clarify matters within a very reasonable time. Those companies who are interested and would like to submit clarification requests to the National Book Council by sending an email to (nationalbookcouncil@gov.mt).

6. Timetable

Event	Date
EOI Date of Issue	25th August, 2023
Closing Date for Submission	1st September, 2023
Awarding of winning bidder	4th September, 2023
Signing of Contract	6th September, 2023

7. Selection and Award Requirements

7.1 In order to be eligible for this EOI, interested contracting companies must provide evidence that they meet or exceed the criteria described above.

7.1.1 The interested contracting companies should provide valid certifications.

7.1.2 Il-kumpaniji kuntrattwali interessati għandhom jipprovdu evidenza ta' esperjenza imgħoddija fl-armar u ż-żarmar ta' posti f'avvenimenti maġġuri oħra marbuta mal-kotba billi jippreżentaw il-portafoll tagħhom ta' avvenimenti preċedenti.

7.1.3 Kumpaniji kuntrattwali magħżula se jkunu infurmati bl-għażla wara l-għeluq ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

8. Dritt ta' Rifjut

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriserva d-dritt li ma jikkunsidra ebda, jew ebda waħda mis-sottomissjonijiet. Id-deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb tkun waħda finali u torbot lill-parteċipanti kollha.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA

Espressjoni ta' Interess għall-provvista ta' posti tal-ikel u/jew xorb waqt l-avveniment Lejla fil-Park

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża jgħarraf illi qed jilqa' espressjonijiet ta' interess għall-provvista ta' posti tal-ikel u/jew xorb waqt it-tieni edizzjoni tal-avveniment Lejla fil-Park nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Settembru, 2023, fil-Park ta' San Klement, Ħaż-Żabbar, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Dokumenti rilevanti u speċifikazzjonijiet tal-espressjoni ta' interess jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku (https://sustainability.gov.mt/wp-content/uploads/2023/08/Expression-of-Interest_-lejla-fil-park.pdf).

L-applikazzjonijiet għandhom isiru biss permezz ta' ittra elettronika lil (sustainabledevelopment@gov.mt).

Id-data tal-għeluq ta' din l-espressjoni ta' interess hija nhar it-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2023, fl-10.00 a.m. Applikazzjonijiet li jintbagħtu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 28 ta' Awwissu, 2023.

ERU Ref. ERU2108U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2108U23 – Devices

7.1.2 The bidding contracting companies must demonstrate experience in setting-up and dismantling of stands in previous major book events by means of submitting their portfolio of previous events.

7.1.3 Chosen contracting companies will be informed of the selection following the closure of the Expression of Interest.

8. Right of Refusal

The National Book Council reserves the right not to consider one or any of the submissions. The decision of the National Book Council will be final and binding on all participants.

25th August, 2023

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND ENTERPRISE

Expression of Interest for the provision of food and/or drinks stalls during the Lejla fil-Park event

The Ministry for the Environment, Energy, and Enterprise notifies that it is receiving expressions of interest for the provision of food and/or drinks stalls during the 2nd edition of Lejla fil-Park event being held at the Park ta' San Klement, Ħaż-Żabbar, on Friday, 29th September, 2023, from 5.00 p.m. till 9.00 p.m.

Relevant documents and further specifications of the expression of interest may be downloaded from the Ministry's website (https://sustainability.gov.mt/wp-content/uploads/2023/08/Expression-of-Interest_-lejla-fil-park.pdf).

Submissions are to be made only by email to (sustainabledevelopment@gov.mt).

The closing date for submissions of this expression of interest is Monday, 4th September, 2023, at 10.00 a.m. Late submissions will not be considered.

25th August, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 28th August, 2023.

ERU Ref. ERU2108U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2108U23 – Devices

ERU Ref. ERU2108U23A
ERU Ref. ERU2108U23B
ERU Ref. ERU2108U23C
ERU Ref. ERU2108U23R
ERU Ref. ERU2208U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2208U23 – Devices
ERU Ref. ERU2208U23A
ERU Ref. ERU2208U23B
ERU Ref. ERU2208U23C
ERU Ref. ERU2208U23D

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 29 ta' Awwissu, 2023.

ERU Ref. ERU2308U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2308U23 – Devices
ERU Ref. ERU2308U23A
ERU Ref. ERU2308U23B

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 12 ta' Settembru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-4050/23. Provvista ta' 'human recombinant PTH 50mcg powder and solvent for solution for injection'

ERU Ref. ERU2108U23A
ERU Ref. ERU2108U23B
ERU Ref. ERU2108U23C
ERU Ref. ERU2108U23R
ERU Ref. ERU2208U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2208U23 – Devices
ERU Ref. ERU2208U23A
ERU Ref. ERU2208U23B
ERU Ref. ERU2208U23C
ERU Ref. ERU2208U23D

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

25th August, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 29th August, 2023.

ERU Ref. ERU2308U23 – Medicinal
ERU Ref. ERU2308U23 – Devices
ERU Ref. ERU2308U23A
ERU Ref. ERU2308U23B

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

25th August, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 12th September, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-4050/23. Supply of human recombinant PTH 50mcg powder and solvent for solution for injection

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 15 ta' Settembru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-4045/23. Provvista ta' 'Ondansetron 4mg/5ml syrup'

CFT 021-4046/23. Provvista ta' 'human coagulation factor 13'

CFT 021-4047/23. Provvista ta' 'Desmopressin acetate 4 microgram/ml injection'

CFT 020-4048/23. Provvista ta' 'protective paste for use on and around stomas'

CFT 020-4049/23. Provvista ta' 'Haemostatic Matrix'

CFT 021-4051/23. Provvista ta' 'Mitomycin C 20mg injections'

CFT 021-4052/23. Provvista ta' 'Insulin Glargine injections'

CFT 021-4053/23. Provvista ta' 'Donepezil Hydrochloride 10 mg'

CFT 009-4054/23. Provvista u konsenja ta' 'ultrasound/ interferential combo electrotherapy units' b'impatt ambjentali ridott

CFT 009-4055/23. Provvista u konsenja ta' 'continuous u pulsed shortwave diathermy units' b'impatt ambjentali ridott

CFT 026-4056/23. Xiri ta' proprjetà – Kiri ta' post f'Ħaż-Żebbuġ (Malta) biex jospita Klinika tal-Komunità għas-Saħħa tal-Kura Primarja fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa

CFT 021-4057/23. Provvista ta' 'Haloperidol oral solution'

CFT 021-4058/23. Provvista ta' 'Pentostatin (deoxycoformycin) 10mg vials'

CFT 021-4059/23. Provvista ta' 'Goserelin 10.8mg implant injection'

CFT 021-4060/23. Provvista ta' 'Pyridostigmine Bromide 60mg tablets'

CFT 021-4061/23. Provvista ta' 'Orphenadrine Hydrochloride'

CFT 021-4062/23. Provvista ta' 'Cholera vaccine'

CFT 021-4063/23. Provvista ta' 'Lidocaine 1% with adrenaline injections'

CFT 021-4064/23. Provvista ta' 'Mivacurium injections'

CFT 020-4065/23. Provvista ta' 'Sodium Dichloroisocyanurate granules'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 15th September, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-4045/23. Supply of Ondansetron 4mg/5ml syrup

CFT 021-4046/23. Supply of human coagulation factor 13

CFT 021-4047/23. Supply of Desmopressin acetate 4 microgram/ml injection

CFT 020-4048/23. Supply of protective paste for use on and around stomas

CFT 020-4049/23. Supply of Haemostatic Matrix

CFT 021-4051/23. Supply of Mitomycin C 20mg injections

CFT 021-4052/23. Supply of Insulin Glargine injections

CFT 021-4053/23. Supply of Donepezil Hydrochloride 10 mg

CFT 009-4054/23. Supply and delivery of ultrasound/ interferential combo electrotherapy units with reduced environmental impact

CFT 009-4055/23. Supply and delivery of continuous and pulsed shortwave diathermy units with reduced environmental impact

CFT 026-4056/23. Procurement of Property – Leasing of Premises Ħaż-Żebbuġ (Malta) to House a Community Clinic for the Primary Healthcare within the Ministry for Health

CFT 021-4057/23. Supply of Haloperidol oral solution

CFT 021-4058/23. Supply of Pentostatin (deoxycoformycin) 10mg vials

CFT 021-4059/23. Supply of Goserelin 10.8mg implant injection

CFT 021-4060/23. Supply of Pyridostigmine Bromide 60mg tablets

CFT 021-4061/23. Supply of Orphenadrine Hydrochloride

CFT 021-4062/23. Supply of Cholera vaccine

CFT 021-4063/23. Supply of Lidocaine 1% with adrenaline injections

CFT 021-4064/23. Supply of Mivacurium injections

CFT 020-4065/23. Supply of Sodium Dichloroisocyanurate granules

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

25th August, 2023

FONDAZZJONI KOTTONERA

Fondazzjoni Kottonera – KF01/2023

Iċ-Chairman, Fondazzjoni Kottonera, jgħarraf li offerti se jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 6 ta' Settembru, 2023.

Amministrazzjoni ta' posti tal-ikel fiż-żona ta' Dock 1 waqt Dock Music.

L-offerti kollha iridu jkunu waslu sad-data u l-ħin stipulat u depożitati fil-kaxxa tat-tenders fl-uffiċini tal-Kottonera Foundation f'24, Triq il-Vitorja, L-Isla ISL1166.

Id-dokument tat-tender jista' jinġabar b'xejn mill-uffiċini tal-Kottonera Foundation f'24, Triq il-Vitorja, L-Isla ISL1166, jew jitniżżel minn (https://www.kottonera.mt/wp-content/uploads/2023/08/Food-Concession-Document-2023.pdf).

Il-25 ta' Awwissu, 2023

FONDAZZJONI KOTTONERA

Fondazzjoni Kottonera – KF02/2023

Iċ-Chairman, Fondazzjoni Kottonera, jinnotifika li tenders se jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 6 ta' Settembru, 2023.

Amministrazzjoni ta' posti tax-xorb fiż-żona ta' Dock 1 waqt Dock Music.

L-offerti kollha jridu jkunu waslu sad-data u l-ħin stipulat u depożitati fil-kaxxa tat-tenders fl-uffiċini tal-Kottonera Foundation f'24, Triq il-Vitorja, L-Isla ISL1166.

Id-dokument tal-offerta jista' jinġabar b'xejn mill-uffiċini tal-Kottonera Foundation f'24, Triq il-Vitorja, L-Isla ISL1166, jew jitniżżel minn (https://www.kottonera.mt/wp-content/uploads/2023/08/Drinks-Concession-Document-2023.pdf).

Il-25 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023, fil-Kunsill Lokali Ħal Lija jintlaqgħu offerti għal:

Avviż Nru. LLC T 02/2023. Offerta ta' servizzi għall-provvista ta' tagħmir tad-dawl effiċjenit fl-użu tal-enerġija u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq għall-Kunsill Lokali Ħal Lija.

KOTTONERA FOUNDATION

Kottonera Foundation – KF01/2023

The Chairman, Kottonera Foundation, notifies that tenders will be received till noon of Wednesday, 6th September, 2023.

Administration of food stalls within the Dock 1 area during Dock Music.

All tenders must be received by the date and time indicated and deposited in the tender box at the Kottonera Foundation's premises at 24, Triq il-Vitorja, Senglea ISL 1166.

Tender documents can be collected free of charge from Kottonera Foundation's premises at 24, Triq il-Vitorja, Senglea ISL 1166, or downloaded from (https://www.kottonera.mt/wp-content/uploads/2023/08/Food-Concession-Document-2023.pdf).

25th August, 2023

KOTTONERA FOUNDATION

Kottonera Foundation – KF02/2023

The Chairman, Kottonera Foundation, notifies that tenders will be received till noon of Wednesday, 6th September, 2023.

Administration of drinks stalls within the Dock 1 area during Dock Music.

All tenders must be received by the date and time indicated and deposited in the tender box at the Kottonera Foundation's premises at 24, Triq il-Vitorja, Senglea ISL 1166.

Tender documents can be collected free of charge from Kottonera Foundation's premises at 24, Triq il-Vitorja, Senglea ISL 1166, or downloaded from (https://www.kottonera.mt/wp-content/uploads/2023/08/Drinks-Concession-Document-2023.pdf).

25th August, 2023

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

The Ħal Lija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Lija Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 25th September, 2023, for:

Advt No. LLC T 02/2023. Service tender for the provision of energy efficient lighting equipment and maintenance of street lighting for the Ħal Lija Local Council.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Birkirkara, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru, 2023, għal:

Avviż Nru. BLC/006/2023. Servizzi ta' konsulent tal-IT fil-Kunsill Lokali Birkirkara.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Awwissu, 2023

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

25th August, 2023

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birkirkara Local Council through ePPS, up to noon on Monday, 25th September, 2023, for:

Advt No. BLC/006/2023. Service of an IT consultant at the Birkirkara Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

25th August, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1664

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-7 ta' Awwissu, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-7 ta' Awwissu, 2023, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by virtue of a decree given on 7th August, 2023, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By virtue of a decree given on the 7th August, 2023, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to

taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 187/2023 fl-ismijiet Carmel Portelli nomine vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fl-14 ta' Lulju, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa l-fond numru mija sebgħa u tletin (137), ġja magħruf bin-numru mija tmienja u tletin (138), u preċedentement bin-numru mija u erbatax (114) fi Triq il-Kunċizzjoni, Il-Qala, Għawdex, bil-ġnien anness miegħu, kif indikat aħjar bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site-plan annessa maċ-ċedola, liema fond huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħmistax-il ċenteżmu (€0.15c), li kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal tliet ewro (€3), liema somma, flimkien mal-arretrati kollha ta' ċens illi saru dovuti matul dawn l-aħħar ħames snin ammontanti għal ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€0.75), biex b'hekk qed tiġi depożitata s-somma globali ta' tliet ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€3.75c), qed tiġi depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti u tista' liberament tittieħed minn min għandu dritt għalih wara li titħalla debita riċevuta.

Illi l-esponenti jrid jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu mill-artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, u jifdi dan iċ-ċens skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 7 ta' Awwissu, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

the payment of the perpetual ground rent of the immovable below described in the schedule of deposit and redemption of a ground rent having number 187/2023 in the names Carmel Portelli nomine vs Deputy Curators to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below, which schedule of deposit was presented on the 14th July, 2023, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is the house numbered one hundred and thirty seven (137), already known as number one hundred and thirty eight (138), and previously as number one hundred and fourteen (114) in Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Gozo, with its annexed garden, as better shown in red colour on the plan and site-plan attached to the schedule of deposit, which property is subject to the annual and perpetual ground rent of fifteen cent (€0.15c), which capitalized at five percent (5%) amounts to three euros (€3), which sum, together with all the arrears of ground rent which were due during the past five years amounting to seventy-five cents (€0.75), thus the global sum of three euros and seventy-five cents (€3.75c) is being deposited under the authority of the Court and can freely be withdrawn by whoever has a right to it after leaving relative receipt.

That the applicant wishes to avail himself of the faculty given to him by article 1501 et sequitur of the Civil Code and redeem this ground rent according to the law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon everyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and file a note declaring so.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Magistrate of the aforementioned Court.

This 7th August, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1665

B'digriet tat-13 ta' Ġunju, 2023, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn HSBC Bank Malta plc (C3177) fit-27 ta' Marzu, 2023, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elf u wieħed ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€1,001.15) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 726/2023 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Tony Ciantar (KI 265875M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lis-sekwestrat bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 13th June, 2023, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by HSBC Bank Malta plc (C3177) on the 27th March, 2023, is asking for the withdrawal of the amount of one thousand and one euro and fifteen cents (€1,001.15) deposited by the Schedule of Deposit number 726/2023 in the names of:

HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Tony Ciantar (ID 265875M)

The Court ordered the notification to the counterparty with one week to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Friday, 18th August, 2023

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1666

B'digriet mogħti mill-Qorti, Prim'Awla, fil-21 ta' Awwissu, 2023, fuq rikors ta' Paolo Colombani, passaport numru YA9796818, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2023 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar uffiċjalment immarkata bin-numru tnax (12) ġja magħrufa bin-numru (5) bl-isem 'Madonna ta' Pinu', fi Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Ir-Rabat, Malta, stmata li tiswa tmien mija u erbgħin elf ewro (€840,000).

Il-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema penthouse tinsab fir-raba' sular (il-ħames (5) livell mit-triq) fuq nett u hi aċċessibbli permezz ta' taraġ u lift komuni fil-parti ta' quddiem tal-binja u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' S. J. J. C. Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa tliet mija u ħamsa u ħamsin elf ewro (€355,000).

L-arja tal-penthouse internament immarkata bin-numru ħamsa (5) formanti parti minn korp ta' flats bl-isem 'Seaspray', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema arja tinsab fi sitt (6) livell tat-triq imsemmija b'kejl superfiċjali ta' 70 mk² u tikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-punent u mil-Lvant ma' proprjetà

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 21st August, 2023, on the application of Paolo Colombani, passport number YA9796818, Tuesday, 28th November, 2023, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The house officially marked with the number twelve (12) previously known as the number five (5) named 'Madonna ta' Pinu', in Triq Vinċenzo M. Pellegrini, Rabat, Malta, valued at eight hundred and forty thousand euro (€840,000).

The penthouse internally marked with the number five (5) forming part of a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which penthouse is situated in forth floor (the fifth (5) level from the street) on top and is accessible from stairs and a common lift at the front of the block and bounded on the south by the said street, west and east by property of S. J. J. C. Limited or its successors valued at three hundred and fifty five thousand euro (€355,000).

The airspace of the penthouse internally marked with the number five (5) forming part from a block of flats named 'Seaspray', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, which airspace is situated in six (6) level of the said street superfically measured of 70 m² and bounded on the south by the said street, west and east by property of S. J. J.

ta' S. J. J. C. Limited jew l-aventi kawża tagħha stmata li tiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

Car space internament immarkat bin-numru erbgħa (4) formanti parti minn garaxx bla numru u bla isem u sottopost għal blokk ta' flats bl-isem 'Seabreeze', fi Triq it-Tartarun, fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liberu u frank bid-drittijiet kollha tiegħu u jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Punent mas-suċċessuri tas-soċjetà S. J. J. C. Limited u mil-Lvant ma' ġid ma' Etoile Limited, mentri l-car space jikkonfina min-Nofsinhar ma' partijiet komuni u mill-irjieħ l-oħra ma' ġid il-venditriċi tal-'car space' jew suċċessuri tagħha stmat ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Jane Chircop (KI 466464M) eżerċenti l-kummerċ bħala Sapphire Real Estate Services.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 52/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 22 ta' Awwissu, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

C. Limited or its successors valued sixty five thousand euro (€65,000)

Car space internally marked with the number four (4) forming part from an unnumbered and unnamed garage and underlying block of flats named 'Seabreeze', in Triq it-Tartarun, Qawra, limits of St Paul's Bay, free and unencumbered with all its rights and bounded on the south by the said street, west by the successor of the company S. J. J. C. Limited and east by property of Etoile Limited, whilst the car space bounded on the south by common parts and on the other compass points by property of carspace vender or her successors valued at thirty five thousand euro (€35,000).

The said tenement is the property of Jane Chircop (ID 466464M) carrying on trade as Sapphire Real Estate Services.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 52/2022.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 22nd August, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1667

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Lulju, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 342/2023GM, li ġie ppreżentat fid-29 ta' Marzu, 2023, fl-ismijiet: The Burlington Ltd vs Town Properties Ltd et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Fin-nuqqas, tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti sabiex, a spejjeż tal-intimati, tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha li huma neċessarji taħt is-sorveljanza tal-perit nominat mill-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Ottubru, 2023, fid-9.20 a.m.

Notifika Intimat: Town Properties Ltd, Il-Kirxa, 18/1 St Julian's Hill, Balluta, San Ġiljan STJ 1341
Spiteri Jan, Balluta Terrace, Blk C, Flat 32, Ir-Rampa ta' San Ġiljan, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 13th July, 2023, in the acts of the Sworn Application number 342/2023GM, which was presented on the 29th March 2023, in the names: The Burlington Ltd vs Town Properties Ltd et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: In the absence of doing the necessary works, authorize the plaintiff carries out the necessary work, at the respondent's expense, under the supervision of the architect nominated by the Court. With costs against the respondent, who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 30th October, 2023, at 9.20 a.m.

Notification Respondent: Town Properties Ltd, Il-Kirxa, 18/1 St Julian's Hill, Balluta, St Julians, STJ 1341
Spiteri Jan, Balluta Terrace, Blk C, Flat 32, Ir-Rampa ta' San Ġiljan, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 21st August, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1668

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' April, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Raymond Azzopardi.

George Camilleri (KI 0429646M) ta' 88, Golden Vale, Triq Ġużè Galea, Ħal Qormi, ippreżenta Talba, fit-13 ta' April, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Raymond Azzopardi (KI 327177M) ta' 59, Redentur, Triq Kola Xara, Ir-Rabat (Malta), sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €4,325 jew somma verjuri, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 140/2023CL) hija differita għas-27 ta' Settembru, 2023, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 19th April, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Raymond Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

George Camilleri (ID 0429646M) of 88, Golden Vale, Triq Ġużè Galea, Ħal Qormi, filed a Claim on the 13th April, 2023, whereby he asked the Tribunal to condemn Raymond Azzopardi (ID 327177M) of 59, Redentur, Triq Kola Xara, Rabat (Malta), to pay the plaintiff the sum of €4,325 or any other amount, which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests

The case (Claim number 140/2023CL) is deferred on the 27th September, 2023, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1669

Avviż skont l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru 67/2023 (SG)

Maria Carmela sive Marlene Muscat, detentriċi tal-karta tal-identità numru 13259G;

Catherine sive Kitty Galea, detentriċi tal-karta tal-identità numru 27360G;

Clementina Portelli, detentriċi tal-karta tal-identità numru 41950G;

Francis Galea, detentur tal-karta tal-identità numru 36763G;

Carmelo Galea, detentur tal-karta tal-identità numru 269G;

Maryanne Galea, detentriċi tal-karta ta'l-identità numru 25467G;

Notice in terms of article 495A(3) of the Civil Code issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

In the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

Sworn application number 67/2023 (SG)

Maria Carmela sive Marlene Muscat, holder of identity card number 13259G;

Catherine sive Kitty Galea, holder of identity card number 27360G;

Clementina Portelli holder of identity card number 41950G;

Francis Galea, holder of identity card number 36763G;

Carmelo Galea, holder of identity card number 269G;

Maryanne Galea, holder of identity card number 25467G;

Paul Galea, detentur tal-karta tal-identità numru 44352G

vs

L-Avukat Dott. Kevin Mompalao li b'digriet tal-10 ta' Awwissu, 2023, ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Joseph Galea u lil persuni mhux magħrufa.

Rikors ta' Maria Carmela sive Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Galea, Clementina Portelli, Francis Galea, Carmelo Galea, Maryanne Galea, Paul Galea detenturi tal-karti tal-identità numri 13259G, 27360G, 41950G, 36763G, 269G, 25467G u 44352G rispettivament u l-imsemmija Maryanne Galea tikkonferma bil-ġurament filwaqt illi tiddikjara illi hija taf il-fatti esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors odjern jirrigwarda l-proprjetà segwenti: lok ta' djar bl-isem 'Galea House', bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex, bid-drive in tal-garaxx annessa tal-kejl komplessiv ta' madwar mitejn u ħamsa u sittin metru kwadru (265m.k.) li Lvant ma' Triq Simirat, Nofsinhar ma' proprjetà Carmela Rapa jew suċċessuri fit-titolu tagħhom u Tramuntana ma' proprjetà ta' Rita Link jew suċċessuri fit-titolu tagħha kif murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A;

2. Illi l-ġenituri tal-kontendenti, Loreto u Carmela konjuġi Galea, kienu sidien ta' erba' ishma minn ħamsa (4/5) indiviżi filwaqt illi r-rimanenti kwinta parti indiviża tappartjeni lil terzi mhux magħrufa;

3. Illi Loreto u Carmela konjuġi Galea kellhom tmient itfal: Carmelo, Francis, Mary Anne Galea, Clementia Portelli, Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Spiteri, Paul u Joseph ilkoll aħwa Galea;

4. Illi l-imsemmi Loreto Galea miet fir-Rabat, Għawdex, fil-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015);

5. Illi l-imsemmija Carmela Galea mietet fir-Rabat, Għawdex, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015;

6. Huma rregolaw is-suċċessjoni tagħhom bis-segwenti testmenti:

testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dott. Paul George Pisani tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru, elfejn (2000), fejn ħallew b'titolu ta' prelegat a favur binhom Francis Galea kwart indiviż mil-lok ta' djar tar-residenza tat-testaturi fin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex, bid-drive-in tal-garaxx annessa; u nnominaw bħala eredi universali tagħhom lit-tmien (8) uliedhom u ċjoè Carmelo, Francis, Mary Anne mart Mokhtar Mohamed Elmajdubi, Catherine sive Kitty ġja mart Billy Spiteri li ż-żwieġ tagħha

Paul Galea, holder of identity card number 44352G

vs

Advocate Dr Kevin Mompalao who by virtue of a decree dated the 10th of August, 2023, was appointed as deputy curator to represent Joseph Galea and the unknown persons.

Sworn application of Maria Carmela sive Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Galea, Clementina Portelli, Francis Galea, Carmelo Galea, Maryanne Galea, Paul Galea holders of identity cards numbers 13259G, 27360G, 41950G, 36763G, 269G, 25467G and 44352G respectively and the said Maryanne Galea confirms on oath and she declares that she knows the below facts personally:

1. That this present application relates to the following property: a house with the name 'Galea House', with the number three (3) in Triq Simirat, Għajnsielem, Gozo,with the drive-in of the attached garage of the overall measurement of approximately two hundred and sixty-five square meters (265 m2) east with Simirat Street, south with property of Carmela Rapa or their successors in title and north with property of Rita Link or successors in its title as shown in red on the plan here attached and marked Document A;

2. That the parents of the contenders, Loreto and Carmela spouse Galea, were owners of four out of five (4/5) undivided shares while the remaining fifth undivided part belongs to unknown third parties;

3. That Loreto and Carmela spouse Galea had eight children: Carmelo, Francis, Mary Anne Galea, Clementia Portelli, Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Spiteri, Paul and Joseph all Galea brothers;

4. That the said Loreto Galea died in Victoria, Gozo, on the fifteenth (15th) day of February of the year two thousand and fifteen (2015);

5. That the said Carmela Galea died in Victoria, Gozo, on the twenty-fifth (25th) day of May of the year two thousand and fifteen (2015);

6. They regulated their succession by means of the following wills:

a unica charta will in the acts of the Notary Dr Paul George Pisani of the twenty-ninth (29) of September, two thousand (2000), where they left with the title of prelegacy in favour of their son Francis Galea an undivided quarter from the place of houses of residence of the testators at number three (3) in Triq Simirat, Għajnsielem, Gozo, with the attached garage drive-in; and nominated as their universal heirs their eight (8) children and Carmelo, Francis, Mary Anne wife of Mokhtar Mohamed Elmajdubi, Catherine sive Kitty became

illum ġie annullat, Paul u Joseph aħwa Galea fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom,

testment ieħor unica charta fl-atti tan-Nutar Dott. Paul George Pisani tas-sittax (16) ta' Settembru elfejn u erbgħa (2004) testment li sar m inn Loreto Galea waħdu fl-atti tan-Nutar Dott. Paul George Pisani fl-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu elfejn u għaxra (2010) fejn huwa permezz tat-tielet artikolu ħalla b'titolu ta' prelegat a favur uliedu: Marlene Muscat armla ta' Raymond Muscat u Maryanne Galea mart Mokhtar Mohamed Elmajdubi, fi kwoti ugwali bejniethom, tliet kwarti (3/4) indiviżi minn sehem it-testatur, mil-lok ta' djar fuq imsemmi;

7. Illi bis-saħħa ta' konvenju ffirmat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru elfejn tnejn u għoxrin (2022), ir-rikorrenti kollha obbligaw ruħhom li jbigħu sehemhom mil-lok ta' djar bl-isem 'Galea House', bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex, bid-drive in tal-garaxx annessa tal-kejl kumplessiv ta' madwar mitejn u ħamsa u sittin metru kwadru (265m.k.), FBM Investments Limited bil-prezz ta' tliet mija u ħamest elef ewro (€305,000), ikkalkulat b'valur ta' erba' mitt elf ewro (€400,000) għall-intier.

8. Illi kien minn riċerki li saru bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt li rriżulta li l-konjuġi Galea kellhom biss erba' partijiet minn ħamsa (4/5) minn dan il-fond mentri l-kwinta parti l-oħra ma huwiex magħruf lil min tappartjeni;

9. Dan il-konvenju ġie debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bir-referenza … u baqa' jiġi mġedded sal-lum;

10. Illi FBM Investments Limited għandha a favur tagħha wegħda ta' bejgħ ta' wieħed u sittin sehem minn tmenin (61/80) indiviżi;

11. Illi l-intimat Joseph Galea għandu tliet ishma minn tmenin (3/80) indiviżi minn din il-proprjetà mentri kif intqal fuq ma huwiex magħruf min huwa s-sid tar-rimanenti kwinta parti;

12. Illi l-esponenti jemmnu li l-prezz pattwit bejn ir-rikorrenti kollha huwa wieħed vantaġġjuż ikkunsidrat il-kejl ta' dan il-fond, kif ukoll il-lokalità li fih jinsab, u ċ-ċirkustanzi kollha relatati ma' dawn il-fondi u dan kif jidher mill-istima ġuramentata tal-Perit hawn annessa bħala Dokument B;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16;

wife of Billy Spiteri whose marriage was annulled today, Paul and Joseph Galea brothers in equal and undivided quotas between them,

another unica charta will in the acts of the Notary Dr Paul George Pisani of the sixteenth (16) of September two thousand and four (2004) will made by Loreto Galea alone in the acts of the Notary Dr Paul George Pisani on the thirty first (31) of August two thousand and ten (2010) where he through the third article left with the title of prelegacy in favour of his children: Marlene Muscat widow of Raymond Muscat and Maryanne Galea wife of Mokhtar Mohamed Elmajdubi, in equal quotas between them, three quarters (3/4) undivided of the testator's share, from the house mentioned above;

7. That by virtue of an agreement signed on the twenty-ninth (29th) day of September two thousand and twenty-two (2022), all the claimants bound themselves to sell their share of the house named 'Galea House', with number three (3) in Triq Simirat, Għajnsielem, Gozo, with the drive-in of the attached garage measuring approximately two hundred and sixty-five square meters (265 m2) to FBM Investments Limited for the price of three hundred and five thousand euro (€305,000), calculated with a value of four hundred thousand euros (€400,000) for the whole property.

8. That it was from searches done in preparation for the publication of the contract that it turned out that the spouses Galea had only four parts out of five (4/5) of this property while the other fifth part is not known to whom it belongs;

9. This agreement was duly registered with the Commissioner of Inland Revenue with the reference … and has continued to be renewed until today;

10. That FBM Investments Limited has in its favour a promise of sale of sixty one out of eighty (61/80) undivided shares;

11. That the respondent Joseph Galea has three out of eighty (3/80) undivided shares of this property while as stated above it is not known who is the owner of the remaining fifth part;

12. That the plaintiffs believe that the price agreed by the plaintiffs is an advantageous one considering the size of this property, as well as the location in which it is located, and all the circumstances related to this property and this as seen from the Architect's sworn valuation hereby attached and marked as Document B;

Therefore, the plaintiffs request with respect that the Honourable Court, provided that this application is published in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of article 495A of the Cap. 16 and;

1. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ ta' sehem ir-rikorrenti kollha mill-immobbli hawn fuq deskritt lil FBM Investments Limited huwa ġust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tas-sehem spettanti lill-intimat minn dan l-istess fond;

2. Tordnalhom sabiex jikkonformaw ruħhom mal-obbligi fiskali tagħhom sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' trasferiment, inkluż billi jimtlew il-formoli tat-taxxi neċessarji kif mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

3. Taħtar kuratur deputat sabiex, jekk il-konvenuti jonqsu milli jimlew il-formoli neċessarji, dan iwettaq dak kollu neċessarju bħala preparamenti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, inkluż billi jimla u jippreżenta dawk il-formoli abbażi tal-informazzjoni disponibbli;

4. Tapprova l-bejgħ propost, u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimat Joseph Galea u sidien mhux magħrufa, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati u taħtar lin-Nutar Dott. Kristen Dimech sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

L-Av. Daniel Calleja, 83, Triq Sir Luigi Camilleri, Ir-Rabat, Għawdex

Dan ir-rikors maħluf huwa differit għas-smigħ għas-seduta tat-28 ta' Setembru, 2023, fit-8.15 a.m. fil-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

Illum 10 ta' Awwissu, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

1. Declare that the price as well as the conditions proposed for the sale of all the plaintiffs' share of the property described above to FBM Investments Limited is fair and appropriate and that the same price and conditions shall apply to the sale of the outstanding share to the respondents from this same property;

2. Order them to comply with their fiscal obligations so that the transfer contract can be published, including by filling in the necessary tax forms as requested by the Commissioner of Inland Revenue;

3. Appoint a deputy curator so that, if the defendants fail to fill in the necessary forms, he will carry out everything necessary as preparations for the publication of the contract, including by filling in and presenting those forms based on the available information;

4. Approve the proposed sale and order the publication of the deed of sale also for what relates to the quota payable to the respondent Joseph Galea and unknown owners, on a day, time and place to be fixed for that purpose and appoint the Notary Doctor Kristen Dimech to publish the deed of opportune sale, with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on that deed.

Adv. Daniel Calleja, 83, Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria, Gozo

This sworn application is set for hearing for the sitting of the 28th September, 2023, at 8.15 a.m. at the Gozo Court, Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Registry of Gozo Courts and Tribunals

This 10th day of August, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1670

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Novembru, 2022, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 107/2021 fl-ismijiet "Peter Paul Borg versus Paul Micallef," ġiet ordnata l-pubblikazzjoni riprodotta hawn taħt sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Paul Micallef bl-indirizz Gatt Readymix, Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

It is hereby notified that by virtue of a decree issued on 29 November, 2022, given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the acts of sworn application number 107/2021 in names "Peter Paul Borg versus Paul Micallef," the publication reproduced below was ordered to serve as notification in respect of the respondent Paul Micallef with address at Gatt Readymix, Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of the Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Twissija

Kull min jirċievi dan ir-rikors kontra tiegħu għandu jippreżenta risposta fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċjoè minn meta jkun irċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Rikors Ġuramentat numru 107/2021

Peter Paul Borg (47250G), 'Peter Nancy House', Triq il-Qala, In-Nadur, Għawdex

vs

Paul Micallef, 'Sant' Indrija', Flat 5, Triq l-Għar ta' Karolina, Ix-Xlendi, Għawdex

Rikors ġuramentat ta' Peter Paul Borg (47250G) ta' 'Peter Nancy House', Triq il-Qala, In-Nadur, Għawdex

Jesponi bil-qima:

1. Illi l-attur huwa proprjetarju kif ukoll possessur ta' erba' porzjonijiet art magħrufa bħala 'Ta' Wied Biljun' fil-limiti tal-Qala, Għawdex: (1) waħda tal-kejl ta' ċirka 573m.k. u tmiss mill-Punent ma' beni tal-familja Grima, mil-Lvant ma' beni tal-familja Spiteri u min-Nofsinhar ma' beni tal-familja Tabone jew irjieħ verjuri; (2) oħra tal-kejl ta' ċirka 696m.k. konfinanti mit-Tramuntana ma' Triq l-Imġarr, mill-Punent ma' beni tal-familja Grima u mil-Lvant ma' beni tal- familja magħrufa bil-laqam 'Ta' Flejsi' jew irjieħ verjuri; (3) oħra tal-kejl ta' ċirka 175m.k. konfinanti mill-Punent ma' beni tal-familja Grima, mil-Lvant u mit-Tramuntana ma' beni ta' Paul Cauchi jew irjieħ verjuri; (4) u oħra tal-kejl ta' ċirka 260m.k. konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Cauchi, mil-Lvant ma' beni ta' Paul Cauchi u mill-Punent ma' beni tal-familja Spiteri;

2. Illi xi ftit xhur ilu l-konvenut eċċeda minn triq l-Imġarr u daħal fil-porzjon art deskritta fin-numru '2' u ġo din il-porzjon art kif ukoll ġol-porzjon art li tiġi taħtha, battal kwantità ta' terrapien, ġebel, ħamrija u ramel u dan mingħajr il-kunsens tal-esponenti;

3. Illi dan l-aġir jikkostitwixxi f'leżjoni tad-drittijiet tal-attur qua sid u pussessur ta' din l-art;

4. Illi l-esponenti jrid illi l-konvenut ineħħi l-materjal kollu li tefa' kif fuq deskritt u wara li jagħmel hekk jerġa' jagħlaq il-bieb li fetaħ għal din il-biċċa art;

Caution

Whoever receives this application against him must present a reply within twenty (20) days from the date of notification, namely from when he received it. If the written reply is not filed as is required by law within the stated timeframe, the Court will proceed to hand out a decision according to law.

Therefore, it is in the interest of the recipient of this application to speak to a lawyer without delay so that the Court can hear what he has to say in the case.

Sworn Application number 107/2021

Peter Paul Borg (47250G), 'Peter Nancy House', Triq il-Qala, Nadur, Gozo

vs

Paul Micallef, 'Sant'Indrija', Flat 5, Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi, Gozo

Sworn application of Peter Paul Borg (47250G) of 'Peter Nancy House', Triq il-Qala, Nadur, Gozo

Respectfully state:

1. Whereas the plaintiff is the owner as well as possessor of four portions of land known as 'Ta' Wied Biljun' within the limits of Qala, Gozo: (1) one measuring circa 573m2 and bordering on the west by property of the Grima family; east by property of the Spiteri family and south by property of the Tabone family or more correct boundaries; (2) another measuring circa 696 m2 bounded on the north by Triq l-Imġarr, west by property of the Grima family and east by property of a family known by the nickname 'Ta' Flejsi' or more correct boundaries; (3) another measuring circa 175 m2 bordering on the west by property of the Grima family, east and north by property of Paul Cauchi or more correct boundaries; (4) and another measuring circa 260 m2 bordering on the south by property of Joseph Cauchi, east by property of Paul Cauchi and west by property of the Spiteri family;

2. Whereas a few months ago the defendant, via Imġarr Road entered the portion of land described in number '2' and in this portion of land as well as in the portion of land below it, emptied a quantity of rubble, stones, soil and sand and this without the consent of the applicant;

3. Whereas this behaviour constitutes a violation of the plaintiff's rights as owner and possessor of this land;

4. Whereas the applicant wants the defendant to remove all the material he has deposited as described above and after doing so close the door he opened to this piece of land;

5. Illi minkejja li ġie interpellat diversi drabi għal dan il-għan, il-konvenut baqa' inadempjenti;

6. Illi din il-kawża qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-attur Peter Paul Borg li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara illi bi ksur tad-drittijiet tal-attur, il-konvenut aċċeda fil-proprjetà tiegħu fuq deskritta fil-premessi u fl-istess artijiet tiegħu iddepożita kwantità ta' terrapien, ġebel, ħamrija u ramel u dan mingħajr il-kunsens tal-esponenti;

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss inaddaf l-istess materjal illi huwa iddepożita f'dawn l-artijiet;

3. Tordna lill-konvenut sabiex wara li jeħles ix-xogħlijiet ordnati fit-tieni talba jagħlaq il-bieb li fetaħ u li mill-art jagħti għat-triq;

4. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas li l-konvenut jonqos milli jottempora ruħu mal-ordnijiet tal-Qorti u jagħmel ix-xogħlijiet ordnati fiż-żmien mogħti, tali xogħlijiet isiru mill-attur a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Settembru, 2021, u dawk tal-ittra uffiċċjali ta' Ottubru 2021. Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

(iffirmat) L-Av. Kevin Mompalao

Dan ir-rikors ġuramentat huwa differit għas-smigħ għall-11 ta' Ottubru, 2023, fit-8.00 a.m.) fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Illum 21 ta' Awwissu, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur

5. Whereas despite being asked several times in this regard, the defendant remained in default;

6. Whereas this case is being instituted and is being confirmed under oath by the plaintiff Peter Paul Borg who has true and proper cognizance of the facts that gave rise to this case.

The defendant therefore is asked to state why this Honourable Court shall not:

1. states that in violation of the rights of the plaintiff, the defendant acceded to his property described in the preamble and in the same land he deposited a quantity of rubble, stones, soil and sand and this without the consent of the applicant;

2. Order the defendant to clean up the same material that he has deposited in these portions of land within a short and peremptory time established for this purpose;

3. Order the defendant to close the door that he opened and that leads from the ground to the street after he has completed the works ordered in the second request;

4. Authorise the plaintiff so that in default of the defendant failing to comply with the orders of the Court to carry out the works ordered within the time given, such works will be performed by the plaintiff at the expense of the defendant.

With all costs, including those of the interpellation letter of the 2nd September, 2021, and those of the judicial letter of October 2021. With the defendant's summoning for his oath as of now.

(signed) Adv. Kevin Mompalao

This sworn application is adjourned for hearing on the 11th October 2023 at 8.00 a.m. in the building of the Court of Gozo, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Today the 21st of August, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar

1671

ARB/C015/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C015/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 11th August, 2023, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD). In the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LORRAINE FALZON;

MATTHEW PACE, impjegat, ta' 47 sena, iben John u Sarah xebba Caruana, imwieled San Ġiljan, Malta, fil-5 ta' Marzu, 1976, residenti ġewwa 536, Triton Mansions, Blk A, Fl 11, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 177476M.

U

ZENITH FINANCE LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MAPFRE MSV Life plc sabiex tbiegħ il-polza tal-investiment bir-referenza numru AP030020E1 miżmuma f'isem l-imputat MATTHEW PACE u tiddepożita r-rikavat ta' dan il-bejgħ fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -2186 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-Bank of Valletta plc sabiex jirċievi s-segwenti pagamenti mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat MATTHEW PACE li jispiċċa -2186 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc, hekk kif indikat fir-rikors iddatat 4 ta' Awwissu, 2023:

a) Pagamenti għall-arretrati dovuti mill-imputat għar-rigward tas-segwenti kontijiet tas-self miżmuma mal-Bank of Valletta plc mir-rikavat tal-imsemmmi bejgħ tal-polza tal-investiment miżmuma mill-MAPFRE MSV Life plc;

b) L-ammont ta' seba' mija u erbgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€740.84) fix-xahar għar-rigward tal-kont tas-self għad-dar li jispiċċa bin-numru -9845 miżmum mal-Bank of Valletta plc;

c) L-ammont ta' tliet mija u sitta u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€326.37) fix-xahar għar-rigward tal-kont tas-self għad-dar li jispiċċa bin-numru -9887 miżmum mal-Bank of Valletta plc;

d) L-ammont ta' sitt mija u tnejn u disgħin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€692.25) fix-xahar għar-rigward tal-kont tas-self li jispiċċa bin-numru -2881 miżmum mal-Bank of Valletta plc;

B'dan illi l-Qorti enfasizzat illi ma hemmx ħtieġa ta' rikors kull darba li jkunu dovuti l-ħlasijiet għall-kontijiet ta' self imsemmija.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta,

The Republic of Malta

Versus

LORRAINE FALZON;

MATTHEW PACE, employee, 47 years, son of John and Sarah née Caruana, born in St Julian's, Malta, on the 5th March, 1976, residing at 536, Triton Mansions, Blk A, Fl 11, Triq it-Turisti, St Paul's Bay, and holder of Maltese identity card bearing number 177476M.

AND

ZENITH FINANCE LIMITED;

The Court AUTHORISED MAPFRE MSV Life plc to sell the investment policy with reference number AP030020E1 held in the name of the accused MATTHEW PACE and to deposit the proceeds from this sale into the bank account listed in the name of the accused ending in -2186 and which is held at the Bank of Valletta plc.

The Court AUTHORISED Bank of Valletta plc to receive the following payments from the bank account listed in the name of the accused MATTHEW PACE ending in -2186 and which is held at the Bank of Valletta plc, as mentioned in the application dated 4th August, 2023:

a) Payments for the balances in arrears owed by the accused in relation to the below listed loan accounts held by Bank of Valletta plc from the proceeds of the sale of the mentioned investment policy held by MAPFRE MSV Life plc;

b) The amount of seven hundred and forty euro and eighty-four cents (€740.84) per month in relation to the home loan account ending in -9845 and held by Bank of Valletta plc;

c) The amount of three hundred and twenty-six euro and thirty-seven cents (€326.37) per month in relation to the home loan account ending in -9887 and held by Bank of Valletta plc;

d) The amount of six hundred and ninety-two euro and twenty-five cents (€692.25) per month in relation to the loan account ending in -2881 and held by Bank of Valletta plc;

That the Court emphasised that it is not required for an application every time that the mentioned loan payments are due.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws

u l-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD), fl-20 ta' Marzu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Lorraine Falzon, MATTHEW PACE, u Zenith Finance Limited.

Illum 21 ta' Awwissu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

of Malta, and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 20th March, 2021, which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Lorraine Falzon, MATTHEW PACE, and Zenith Finance Limited.

Today 21st August, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1672

ARB/C033/2023 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 624/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)
(l-Ispettur John Leigh Howard)

Kontra

FABIO PALUMBO, impjegat, ta' 44 sena, iben Emanuele u l-mejta Carmela xebba Ferracane, imwieled Gela, Sqallija, fit-3 ta' Frar, 1979, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' karta tal-identità Taljana bin-numru CA66440LH.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' FABIO PALUMBO u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A, u l-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

ARB/C033/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th August, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 624/2023, in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector John Leigh Howard)

Versus

FABIO PALUMBO, employee, 44 years, son of Emanuele and the late Carmela née Ferracane, born in Gela, Sicily, on the 3rd February, 1979, without a fixed address in Malta and holder of Italian identity card bearing number CA66440LH.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to FABIO PALUMBO and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 21 ta' Awwissu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 21st August, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1673

ARB/C034/2023 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' April, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD). Kumpilazzjoni Numru 328/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)
(l-Ispettur Kurt Farrugia)
(l-Ispettur John Leigh Howard)

Kontra

BRAIDLEY BRIFFA, wejter, ta' 20 sena, iben Jonathan Briffa u Marisa Attard, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-17 ta' Settembru, 2002, u residenti ġewwa 510, Triq Santa Klara, Ħaż-Żabbar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 328702L.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' BRAIDLEY BRIFFA u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed

ARB/C034/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd April, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea LLD). Compilation Number 328/2023, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)
(Inspector Kurt Farrugia)
(Inspector John Leigh Howard)

Versus

BRAIDLEY BRIFFA, waiter, 20 years, son of Jonathan Briffa and Marisa Attard, born in Tal-Pietà, Malta, on the 17th September, 2002, and residing at 510, Triq Santa Klara, Ħaż-Żabbar, and holder of Maltese identity card bearing number 328702L.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to BRAIDLEY BRIFFA and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta as made applicable by Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 5, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction

minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illi d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat Braidley Briffa ġie rrevokat permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja preseduta mill-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD.

Illum 21 ta' Awwissu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

That the ban on the publication of the accused Braidley Briffa's name has been lifted through decree dated 20th June, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry presided by Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras LLD.

Today 21st August, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1674

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Jannar, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Mahmoud Abdulazez.

GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Michael Magro sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Michael Magro (KI 103869M) ta' Msida Road, il-Gżira, ippreżentaw Talba, fid-29 ta' Diċembru, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mahmoud Abdulazez (KI 152979L) ta' 99, Flat, Triq l-Imsida, Santa Venera, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €779.95, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 365/2021IS) hija differita għall-5 ta' Ottubru, 2023, fis-12.40 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 19th January, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Mahmoud Abdulazez.

GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of its insured both by policy and by law and the same Michael Magro (ID 103869M) of Msida Road, Gżira filed a Claim on the 29th December, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Mahmoud Abdulazes (ID 152979L) of 90, Flat 6, Triq l-Imsida, Santa Venera, to pay the plaintiff company the sum of €779.95, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 365/2021IS) is deferred on the 5th October, 2023, at 12.40 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 23rd August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1675

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-6 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1232/2022, mill-Avukat tal-Istat fejn insegwitu tar-rikors Giovanella Despott, armla ta' Donald Despott, bint Antonino Beneventano u Agatina Grassi Nicotra, imwielda Siracusa, Sqallija, l-Italja, fil-5 ta' Ottubru, 1938, ta' 84, residenti Tas-Sliema, u li għandha karta tal-identità bin-numru 346281M ġiet inabilitata

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 6th July, 2022, Application number 1232/2022 by Giovanella Despott, whereby following the application Giovanella Despott, widow of Donald Despott daughter of Antonino Beneventano and Agatina Grassi Nicotra, born in Siracusa, Sicily, Italy, on the 5th October, 1938, aged 84, residing at Tas-Sliema, and holding identity card number 346281M, was incapacitated

b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2022, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 23 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

by means of a decree given on the 12th November, 2022, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 23rd August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1676

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Awwissu, 2023, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 557/2023 fl-ismijiet l-Av. Damien Degiorgio noe vs Blue Suisse Limited, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Blue Suisse Limited ta' Office 202, Gozo Innovation Hub, Triq il-Pitkalija, Ix-Xewkija, Għawdex XWK 3000, u dan ai termini tal-Artikolu 891(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-Av. Damien Degiorgio bħala mandatarju speċjali u inrappreżentanza tas-soċjetà estera Zeus Capital SICAV Sub-Fund 'Advance Long Short' in liquidation ta' 36, Rue Des Aubepines, L-8052 Bertrange, GD Lussemburgu, li għandha numru ta' reġistrazzjoni ta' Lussemburgu RCS B159523, filwaqt li tagħmel referenza għall-flus dovuti minnek lill-mittenti ai termini tar-rendikont hawn anness u mmarkat Dok. A, tinterpellak sabiex fi żmien tlett ijiem min-notifika tal-preżenti tersaq għall-ħlas tal-ammont bilanċjali dovut lill-mittenti ċjoè s-somma ta' żewġ miljuni tmient elef disa' mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2,008,929.97c).

Fin-nuqqas li tagħmel dan il-mittenti ma jkollhomx triq oħra għajr li jieħdu passi ulterjuri fil-Qrati tagħna, inkluż il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji neċessarji, u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Bl-ispejjeż u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-mittenti.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 23 ta' Awwissu, 2023

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree issued on the 18th of August, 2023, issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the records of the judicial letter number 557/2023 in the names Adv. Damien Degiorgio noe vs Blue Suisse Limited, the publication of the extract reproduced below was ordered in order to serve as service against the respondent Blue Suisse Limited of Office 202, Gozo Innovation Hub, Triq il-Pitkalija, Xewkija, Gozo XWK 3000, and this in terms of Article 891(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of this judicial letter Dr Damien Degiorgio as special agent and representative of the foreign company Zeus Capital SICAV Sub-Fund 'Advance Long Short' in liquidation of 36, Rue Des Aubepines, L-8052 Bertrange, GD Luxembourg, which has a registration number of Luxembourg RCS B159523, while making reference to the money owed by you to the sender in the terms of the statement attached here and marked Doc. A, asks you that within three days of notification of the present to make the payment of the balance amount owed to the sender that is the sum of two million eight thousand, nine hundred and twenty nine euros and ninety seven cents (€2,008,929.97c).

In the absence of doing this, the sender will have no other way than to take further steps in our Courts, including the issuance of the necessary precautionary warrants, and this without any further notice.

With costs and with reservation for any other action due to the sender.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today the 23rd of August, 2023

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1677

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fis-17 ta' Mejju, 2023, fuq talba ta' Joseph Quattromani (KI 0141142M) f'ismu personali u għannom tas-socjetà appellanti Tower Manor Ltd, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-defunt John Debono fl-atti tar-Rikors numru 559/16 fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Tower Manor Limited et fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors tat-3 ta' Mejju, 2023, ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Tower Manor Ltd (C30168), John Debono (KI 774352M), Carmela Xerri (KI 599458M), Joseph Quattromani (KI 141142M) u Maria Magdalena Quattromani (614842M) l-esponenti, l-imsemmija Joseph Quattromani u Maria Magdalena Quattromani stqarrew li għalkemm kien hemm notifika skont il-liġi l-intimati naqsu milli jagħmlu d-dikjarazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 807(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija jekk kienx beħsiebhom ikomplu bil-kawża minflok id-defunt, filwaqt illi l-Bank of Valletta plc oppona t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Donna Debono;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejjet John Debono ai termini tal-Artikolu 807(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li tordna l-pubblikazzjoni tal-bandu għall-kuraturi f'żewġ gazzetti ta' kuljum ai termini tat-tieni parti tal-Artikolu 809 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan taħt dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rikorrenti: Joslin, 62A, Triq Santa Maria, Il-Mosta

Kuraturi Deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Appell, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim Imħallef Mark Chetcuti, Duttur tal-Liġi.

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court of Appeal (Superior jurisdiction), on the 17th May, 2023, following a request of Joseph Quattromani (ID 0141142M) in his own name and on behalf of the appellant company Tower Manor Ltd, it was ordered that deputy curators be chosen to represent deceased John Debono in the records of Application number 559/16 in the names: Bank of Valletta plc vs Tower Manor Limited et in the other relative and subsequent acts in the other relative and subsequent acts.

By means of an application of the 3rd May, 2023, filed in the Court of Appeal (Superior jurisdiction), in the records of the application in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Tower Manor Ltd (C30168), John Debono (ID 774352M), Carmela Xerri (ID 599458M), Joseph Quattromani (ID 141142M) and Maria Magdalena Quattromani (ID 614842M) the applicants, the said Joseph Quattromani and Maria Magdalena Quattromani, stated that although there was a notification according to law the respondents failed to make the declaration required under section 807(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta, that is whether they intended to continue with the cause instead of the deceased, whilst Bank of Valletta plc opposed the transfusion of records in the name of Donna Debono;

Therefore, the applicants respectfully request that this Honourable Court appoints deputy curators to represent the interests of the deceased John Debono in terms of section 807(4) of Cap. 12 of the Laws of Malta, after ordering the publication of the bann for curators in two daily newspapers in terms of part two of section 809 of the Kap.12 of the Laws of Malta, and this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

Applicants: Joslin, 62A, Triq Santa Maria, Mosta

Deputy Curators, The Court, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of ex officio curators.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), above mentioned, with the witness of the Hon. Chief Justice Mark Chetcuti, Doctor of Laws.

Illum 17 ta' Mejju, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), illum 28 ta' Awwissu, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

This day 17th May, 2023

Registry of the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 28th August, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1678

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-10 ta' Mejju, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 509/2006 fl-ismijiet Vincent u Jane konjuġi Zerafa vs Emmanuel Cilia u b'digriet tal-15 ta' April, 2013, l-atti tal-kawża gew trasfuzi mid-defunt Emanuel Cilia f'isem Svetlana Cilia (KI 516311L) u Dott. Leslie Cuschieri u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tal-15 ta' Ġunju, 2006, bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien oħrajn mhux magħrufa tal-fond Numru 5 fi Sqaq Numru 1, Hospital Square, Ħaż-Żebbuġ (Malta), u b'digriet tas-16 ta' Marzu, 2007, Fr Joseph Bugeja, u wara korrezzjoni awtorizzata tat-30 ta' Marzu, 2007, f'ismu proprju u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-Opri Missjunarji Ponteficji, Lina Zerafa, Josephine Pomariċo Cilia, Filippa Catania, Theresa Debono, Grace Cilia, Antoinette Resta, Janie Saliba u Suor Concetta Cilia ġew kjamati fil-kawża u b'digriet tat-30 ta' Settembru, 2010, ġie kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront ta' Svetlana Cilia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior jurisdiction) on the 10th May, 2023, in the records of the Appeal application number 509/2006 in the names Vincent and Jane spouses Zerafa vs Emmanuel Cilia and by decree of the 15th April, 2013, the records of the cause were transferred from the deceased Emanuel Cilia to the name of Svetlana Cilia (ID 516311L) and Dr Leslie Cuschieri and LP Hilda Ellul Mercer nominated by decree of the 15th June, 2006, as deputy curators to represent the other unknown owners of tenement number 5 in Alley number 1, Hospital Square, Ħaż-Żebbuġ (Malta), and by decree of the 16th March, 2007, Fr Joseph Bugeja, and following an authorised correction of the 30th March 2007 in his own name as well as Director for and on behalf of Pontifical Missionary Society, Lina Zerafa, Josephine Pomarico Cilia, Filippa Catania, Theresa Debono, Grace Cilia, Antoinette Resta, Janie Saliba and Sister Conċetta Cilia were called into the suit and by decree of the 30th September, 2010, the Director of the Joint Office, ordered the following publication in regard to Svetlana Cilia in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Illi permezz tar-Rikors tal-Appell numru 509/2006 ippreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet fuq premessi, l-appellanti Vincent u Jane konjuġi Zerafa jħossuhom aggravati bis-sentenza tas-27 ta' Settembru, 2018, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, bl-aggravji kif spjegati fir-rikors, fejn din il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi (illum appellanti), bl-ispejjeż ta' dan il-proċediment jibqgħu bla taxxa, b'dan illi l-kuraturi deputati għandhom jitħallsu skont il-liġi; u għalhekk umilment qed jinterponu dan l-appell.

Whereas by means of an Appeal application number 509/2006 filed on the 17th October, 2018, in the names above premised, the appellants Vincent and Jane spouses Zerafa feel aggrieved by the judgement of the 27th September, 2018, delivered by the First Hall Civil Court, with the grievances as explained in the application, whereby this court decided the cause by rejecting all the demands of the plaintiffs (today appellants), with costs of this proceeding remaining untaxed, provided that deputy curators are to be paid according to law; and thus they are humbly filing this appeal.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Settembru 2018 fil-kawża fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi appellanti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati, bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Therefore, the appellants humbly ask this Honourable Court to annull and revoke the judgment given by the Honourable First Hall Civil Court on the 27th September, 2018, in the cause in the names premised and instead uphold all the demands of the plaintiff appellants whilst rejecting all the pleas of the respondents, with costs of both instances against the respondents.

Ir-Rikors tal-Appell numru 509/2006 fl-ismijiet premessi Vincent u Jane konjuġi Zerafa vs Emmanuel Cilia et jinsab iddiferit għall-10 ta' Ottubru, 2023, fit-8.30 a.m.

The application of Appeal number 509/2006 in the names premised Vincent and Jane spouses Zerafa vs Emmanuel Cilia et is deferred for hearing to the 10th October, 2023, at 8.30 a.m.

Notifika: Svetlana Cilia, Maison Noel, Triq San Filippu, L-Imġarr (Malta)

Notify: Svetlana Cilia, Maison Noel, Triq San Filippu Mġarr (Malta)

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), illum 21 ta' Awwissu, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), today 21st August, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1679

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 288/2021 fl-ismijiet Patricia Curmi (KI 335066M); Graziella Pullicino (KI 0035270M); u Stephanie Mosè Pullicino (KI 0254564M) vs l-Avukat tal-Istat u Rosaria Cassar (KI 615053M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmija Rosaria Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz ta' Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 288/21 ippreżentat fil-11 ta' Novembru l-appellanti Patricia Curmi et iħossuhom aggravati bis-sentenza tal-10 ta' Novembru, 2022, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fejn laqgħet it-talbiet attriċi, però l-kumpens kellu jkopri l-perjodu, inkwantu għat-terz indiviż, mit-12 ta' Frar, 2003, u inkwantu tas-sehem sħiħ tal-fond, mit-12 ta' Mejju, 2006, biex b'hekk il-Qorti llikwidat somma ta' €30,000 bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament meta effettivament, id-dannu pekunjarju u d-dannu nonpekunjarju ma għandux ikun inqas minn €58,250, kif spjegat fir-rikors tal-appell kostituzzjonali.

Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Novembru, 2022, billi tikkonfermaha, fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talba u inkwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat, u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħat it-talbiet attriċi, b'dan illi għandha tirriformaha inkwantu l-likwidazzjoni tad-danni billi għandu jiġi ddikjarat u deċiż illi l-leżjoni li soffrew ir-rikorrenti kien għall-perijodu kollu kif mitlub fir-Rikors Kostituzzjonali tagħhom, ossija mill-1987 sal-2021, u b'hekk id-danni pekunjarji għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta' mhux inqas minn €43,250 jew somma oħra verjuri, oltre dannu nonpekunjarju ammontanti għal mhux inqas minn €15,000, globalment ammontanti għal €58,250.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat Avukat tal-Istat.

Ir-Rikors tal-Appell numru 288/2021 fl-ismijiet premessi Patricia Curmi et vs Rosaria Cassar et jinsab iddiferit għat-23 ta' Ottubru, 2023, fid-9.30 a.m.

Notifika: Rosaria Cassar, 67, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qorti Kostituzzjonali (Appelli Superjuri), illum 22 Awwissu, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree by the Constitutional Court on the 26th January, 2023, in the records of Appeal Application number 288/2021 in the names Patricia Curmi (ID 335066M); Grazielia Pullicino (ID 0035270M); and Stephanie Mosè Pullicino (ID 0254564M) vs the State Advocate and Rosaria Cassar (ID 615053M) ordered the following publication in regard to the said Rosaria Cassar in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of a Constitutional Appeal application number 288/21 filed on the 11th November the appellants Patricia Curmi et feel aggrieved by the judgement of the 10th November, 2022, delivered by the First Hall Civil Court Constitutional jurisdiction whereby it upheld the plaintiffs demands, but the compensation had to cover the period, as for one third undivided, from the 12th February, 2003, and as regards the full share of the premises, from the 12th May, 2006, so that the Court liquidated a sum of €30,000 with legal interests from the date of judgement till the date of effective payment when in reality, the pecuniary damage and non-pecuniary damage should not be less than €58,250, as explained in the application of the constitutional appeal.

Therefore, the appellants are asking this Honourable Constitutional Court to reform the judgement given by the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) on the 10th November, 2022, by confirming it, wherein it upheld the first and second claim and in so far as it rejected the pleas of the respondent State Advocate, and also confirms it where it upheld the plaintiffs' claims, provided that it should reform it as regards the liquidation of damages since it should be declared and decided that the right that the applicants suffered were for the whole period as demanded in their Constitutional Application, that is from 1987 to 2021, and thus the pecuniary damages should be liquidated in the amount of not less than €43,250 or other correct sum, besides non-pecuniary damage amounting to not less than €15,000, overall amounting to €58,250.

With costs of both instances against the respondent State Advocate.

The application of Appeal number 288/2021 in the names premised Patricia Curmi et vs Rosaria Cassar et has been postponed for hearing to the 23rd October, 2023, at 9.30 a.m.

Notification: Rosaria Cassar, 67, Triq iż-Żurrieq Birżebbuġa

Registry of the Constitutional Court (Superior Appeals), this day 22 August, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603